Linji gwida dwar l-evalwazzjoni ta' amalgamazzjonijiet mhux orizzontali taħt ir-Regolament tal-Kunsill dwar il-kontroll tal-konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi

(2008/C 265/07)

I. DAĦLA

1. L-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ta' l-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([1]) (minn hawn 'il quddiem ir-"Regolament dwar l-Amalgamazzjonijiet") jipprovdi li l-Kummissjoni għandha tevalwa l-konċentrazzjonijiet fl-ambitu tar-Regolament dwar l-Amalgamazzjonijiet bl-għan li tistabbilixxi humiex kompatibbli mas-suq komuni. Għal dak l-iskop, il-Kummissjoni għandha tevalwa, skond l-Artikolu 2 (2) u (3), jekk konċentrazzjoni tfixkilx b'mod sinjifikanti l-kompetizzjoni effettiva, b'mod partikolari b'riżultat tal-ħolqien jew tat-tisħiħ ta' pożizzjoni dominanti fis-suq komuni jew parti sostanzjali minnu.

2. Dan id-dokument jiżviluppa gwida dwar kif il-Kummissjoni tevalwa l-konċentrazzjonijiet ([2]) fejn l-impriżi kkonċernati huma attivi fi swieq rilevanti differenti ([3]). F'dan id-dokument, dawn il-konċentrazzjonijiet se jissejħu "amalgamazzjonijiet mhux orizzontali".

3. Jistgħu jigu distinti żewġ tipi ġenerali ta' amalgamazzjonijiet: amalgamazzjonijiet orizzontali u amalgamazzjonijiet konglomerati.

4. L-amalgamazzjonijiet vertikali jinvolvu kumpaniji li joperaw f'livelli differenti tal-katina tal-provvista. Per eżempju, meta manifattur ta' prodott (il-kumpanija "*upstream*") jamalgama ma' wieħed mid-distributuri (il-kumpanija "*downstream*"), din tissejjaħ amalgamazzjoni vertikali ([4]).

5. L-amalgamazzjonijiet konglomerati huma amalgamazzjoniet bejn ditti li huma f'relazzjoni li la hija orizzontali (bħala kompetitur fl-istess suq rilevanti) u lanqas vertikali (bħala forituri jew klijenti) ([5]). Fil-prattika, il-foku ta' dawn il-linji gwida hija fuq amalgamazzjonijiet bejn kumpaniji li huma attivi fi swieq relatati fil-qrib (eż, amalgamazzjonijiet li jinvolvu provdituri ta' prodotti komplementarji jew prodotti li jappartjenu għall-istess firxa ta' prodotti).

6. Il-gwida ġenerali diġà mogħtija fl-Avviż dwar l-amalgamazzjonijiet orizzontali hija wkoll rilevanti fil-kuntest ta' amalgamazzjonijiet mhux orizzontali. L-għan ta' dan id-dokument huwa li jikkonċentra fuq l-aspetti tal-kompetizzjoni li huma rilevanti għall-kuntest speċifiku ta' l-amalgamazzjonijiet mhux orizzontali. Barra minn dan, jistabbilixxi l-metodu tal-Kummissjoni għall-ishma tas-suq u l-limiti tal-konċentrazzjoni f'dan il-kuntest.

7. Fil-prattika, l-amalgamazzjonijiet jistgħu jimplikaw effetti orizzontali kif ukoll dawk mhux orizzontali. Dan jista' per eżempju jkun il-każ fejn id-ditti li qed jingħaqdu mhumiex biss f'relazzjoni vertikali jew konglomerata iżda wkoll huma kompetituri attwali jew potenzjali ta' xulxin f'suq rilevanti wieħed jew aktar ikkonċernat(i) ([6]). F'dan il-każ, il-Kummissjoni tevalwa l-effetti orizzontali, vertikali u/jew konglomerati skond il-gwida stabbilita fl-avviżi rilevanti ([7]).

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ta' l-20 ta' Jannar 2004, ĠU L 24, 29.01.2004, p. 1.

([2]) Il-kelma *konċentrazzjoni* użata fir-Regolament dwar l-Amalgamazzjonijiet tkopri bosta tipi ta' tranżazzjonijiet bħal amalgamazzjonijiet, kisbiet, teħid ta' kontroll u xi tipi ta' impriżi konġunti. Fil-bqija ta' dan id-Dokument, kemm-il darba mhux speċifikat mod ieħor, it-terminu "amalgamazzjoni" se jintuża bħala sinonimu għal konċentrazzjoni u għalhekk ikopri t-tipi ta' kollha tranżazzjonijiet ta' hawn fuq.

([3]) Il-gwida dwar l-evalwazzjoni ta' l-amalgamazzjonijiet li jinvolvu lil impriżi li huma kompetituri attwali jew potenzjali fuq l-istess suq rilevanti ("amalgamazzjonijiet orizzontali") tingħata fl-Avviż tal-Kummissjoni: Linji gwida dwar l-evalwazzjoni ta' l-amalgamazzjonijiet orizzontali taħt ir-Regolament tal-Kunsill dwar il-kontroll tal-konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi. ĠU C 31, 5.2.2004, p. 5("L-Avviż dwar l-Amalgamazzjonijiet Orizzontali").

([4]) F'dan id-Dokument, it-termini "*downstream*" u "*upstream*" jintużaw biex jiddeskrivu r-relazzjoni kummerċjali (potenzjali) li għandhom bejniethom l-entitajiet li qed jingħaqdu. Ġeneralment ir-relazzjoni kummerċjali hija waħda fejn il-kumpanija "*downstream*" tixtri l-produzzjoni mill-kumpanija "'l fuq" u tużaha bħala dħul fil-produzzjoni tagħha stess, li mbagħad hija tbiegħ lill-klijenti tagħha. Is-suq fejn iseħħu l-ewwel tranżazzjonijiet jissejjaħ is-suq intermedju (is-suq *upstream*). Is-suq ta' l-aħħar jissejjaħ is-suq *downstream*.

([5]) Id-distinzjoni bejn l-amalgamazzjonijiet konglomerati u l-amalgamazzjonijiet orizzontali tista' tkun sottili, eż fejn amalgamazzjoni konglomerata tinvolvi prodotti li huma sostituti dgħajfin għal xulxin. L-istess jgħodd għad-distinzjoni bejn l-amalgamazzjonijiet konglomerati u dawk vertikali. Per eżempju, il-prodotti jistgħu jiġu forniti minn xi kumpaniji bl-*inputs* diġà integrati (relazzjoni vertikali), filwaqt li produtturi oħrajn iħallu lill-klijenti jagħżlu u jassemblaw id-dħul huma stess (relazzjoni konglomerati).

([6]) Per eżempju, f'xi swieq id-ditti *upstream* jew *downstream* spiss huma entranti potenzjali tajbin. Ara per eżempju fis-settur ta' l-elettriku u tal-gass, il-Każ COMP/M.3440 — EDP/ENI/GDP (2004). L-istess jista' jgħodd għall-produtturi tal-prodotti komplementarji. Ara, eż, fis-settur ta' l-imballaġġ tal-likwidi, il-Każ COMP/M.2416 — TetraLaval/Sidel (2001).

([7]) Gwida dwar l-evalwazzjoni ta' l-amalgamazzjonijiet ma' kompetitur potenzjali tingħata fl-Avviż dwar l-amalgamazzjonijiet orizzontali, b'mod partikolari fil-paragrafi 58 sa 60 tiegħu.

8. Il-gwida stabbilita f'dan id-dokument tislet minn u telabora fuq l-esperjenza li qed tevolvi tal-Kummissjoni permezz ta' l-evalwazzjoni ta' l-amalgamazzjonijiet mhux orizzontali taħt ir-Regolament (KEE) Nru 4064/89 sa mid-dħul fis-seħħ tiegħu fil-21 ta' Settembru 1990, ir-Regolament dwar l-Amalgamazzjonijiet li huwa fis-seħħ bħalissa, kif ukoll fuq il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti ta' l-Ewwel Istanza tal-Komunitajiet Ewropej. Il-prinċipji li jinsabu hawn se jiġu applikati u żviluppati aktar u jiġu rfinati mill-Kummissjoni fil-każijiet individwali. Il-Kummissjoni tista' tirrevedi l-avviż dwar l-amalgamazzjonijiet mhux orizzontali minn żmien għall-ieħor fid-dawl ta' żviluppi futuri u tal-perspettiva interna li qed tevolvi.

9. L-interpretazzjoni tal-Kummissjoni tar-Regolament dwar l-Amalgamazzjonijiet fir-rigward ta' amalgamazzjonijiet mhux orizzontali hija mingħajr preġudizzju għall-interpretazzjoni li tista' tingħata mill-Qorti tal-Ġustizzja jew mill-Qorti ta' l-Ewwel Istanza tal-Komunitajiet Ewropej.

II. **PERSPETTIVA ĠENERALI**

10. Il-kompetizzjoni effettiva ġġib benefiċċji lill-konsumaturi, bħal prezzijiet baxxi, prodotti ta' kwalità għolja, varjetà kbira ta' prodotti u servizzi, u innovazzjoni. Permezz tal-kontroll ta' l-amalgamazzjonijiet, il-Kummissjoni trażżan lill-amalgamazzjonijiet li x'aktarx iċaħħdu lill-konsumaturi minn dawn il-benefiċċji billi jżidu b'mod sinjifikanti l-poter fis-suq tad-ditti. "Żieda fil-poter fis-suq" f'dan il-kuntest jirreferi għall-abilità ta' ditta waħda jew aktar li żżid il-prezzijiet bi qligħ, tnaqqas il-produzzjoni, l-għażla jew il-kwalità tal-prodotti u s-servizzi, tnaqqas l-innovazzjoni, jew b'mod ieħor tinfluwenza b'mod negattiv il-parametri tal-kompetizzjoni ([1]).

11. L-amalgamazzjonijiet mhux orizzontali ġeneralment m'għandhomx tendenza li jfixklu b'mod sinjifikanti l-kompetizzjoni effettiva daqs l-amalgamazzjonijiet orizzontali.

12. L-ewwel, għall-kuntrarju mill-amalgamazzjonijiet orizzontali, l-amalgamazzjonijiet vertikali jew konglomerati ma jimplikawx it-telf tal-kompetizzjoni diretta bejn id-ditti li qed jamalgamaw fl-istess suq rilevanti ([2]). B'riżultat ta' dan, l-għajn ewlieni ta' l-effett anti-kompetittiv fl-amalgamazzjonijiet orizzontali huwa nieqes fl-amalgamazzjonijiet vertikali jew konglomerati.

13. It-tieni, l-amalgamazzjonijiet vertikali jew konglomerati jipprovdu ambitu sostanzjali għall-effiċjenzi. Karatteristika ta' l-amalgamazzjonijiet vertikali u ta' xi amalgamazzjonijiet konglomerati huwa li l-attivitajiet u/jew il-prodotti tal-kumpaniji involuti huma *komplementarji* għal xulxin. ([3]) L-integrazzjoni ta' attivitajiet jew prodotti komplementarji f'ditta unika tista' tipproduċi effiċjenzi sinjifikanti u tkun pro-kompetittiva. Per eżempju fir-relazzjonijiet vertikali, b'riżultat tal-komplementarjetà, it-tnaqqis *downstream* fil-qligħ fis-suq iwassal għal talba akbar ukoll fis-suq *upstream*. Parti mill-benefiċċju ta' din iżżieda fit-talba jmur lill-provdituri fis-suq *upstream*. Ditta integrata tqis dan il-benefiċċju. L-integrazzjoni vertikali għalhekk tista' tipprovdi inċentiva akbar biex jiġu mfittxija prezzijiet imnaqqsa u tiżdied il-produzzjoni minħabba li l-kumpanija integrata tista' tabqad sehem akbar mill-benefiċċji. Dan spiss jissemma bħala l-"l-internalizzazzjoni ta' qligħ doppju". B'mod simili, sforzi oħrajn biex jiżdied il-bejgħ f'livell wieħed (eż, jittejjeb is-servizz jew tiżdied l-innovazzjoni) jistgħu jipprovdu rigal akbar għal ditta integrata li jqis il-benefiċċji miksuba fuq livelli oħrajn.

14. L-integrazzjoni tista' wkoll tnaqqas l-ispejjeż tat-tranżazzjoni u tippermetti koordinazzjoni aħjar f'termini ta' disinn tal-prodott, l-organizzazzjoni tal-proċess tal-produzzjoni u l-mod kif jinbiegħu l-prodotti. B'mod simili, l-amalgamazzjonijiet li jinvolvu l-prodotti li jappartjenu għal varjetà jew portafoll ta' prodotti li ġeneralment jinbiegħu lill-istess sett ta' klijenti (kemm jekk huma prodotti komplementarji jew le) jistgħu jagħtu lok għall-benefiċċji lill-konsumaturi bħal *one-stop-shopping*.

([1]) F'dan id-Dokument, l-espressjoni "prezzijiet ogħla" tintuża spiss bħala taqsira għal dawn il-bosta modi li fih amalgamazzjoni tista' tirriżulta f'dannu kompetittiv. L-espressjoni għandha wkoll tinftiehem li tkopri sitwazzjonijiet fejn, per eżempju, il-prezzijiet jitnaqqsu inqas, jew inqas x'aktarx jonqsu, milli kienu jagħmlu mod ieħor mingħajr l-amalgamazzjoni u fejn il-prezzijiet jiżdiedu aktar, jew aktar x'aktarx jiżdiedu, milli kienu jagħmlu mod ieħor mingħajr l-amalgamazzjoni.

([2]) Dan it-telf ta' kompetizzjoni diretta jista', madankollu, jirriżulta fejn waħda mid-ditti li qed jamalgamaw hija kompetitur potenzjali fis-suq rilevanti fejn topera l-kumpanija l-oħra li qed tamalgama. Ara l-paragrafu 7 aktar 'il fuq.

([3]) F'dan id-Dokument, il-prodotti jew servizzi jissejħu "komplementarji" (jew "komplementi ekonomiċi") meta huma ta' valur akbar għall-konsumatur meta wżati jew ikkonsmati flimkien milli meta wżati jew ikkonsmati separatament. Ukoll, amalgamazzjoni bejn l-attivitajiet fis-suq *upstream* u dak *downstream* tista' titqies bħala taħlita ta' komplementi li jidħlu fil-prodott finali. Per eżempju, kemm il-produzzjoni kif ukoll id-distribuzzjoni jwettqu rwol komplementarju biex prodott jidħol fis-suq.

15. Madankollu, hemm ċirkostanzi fejn l-amalgamazzjonijiet mhux orizzontali jistgħu b'mod sinjifikanti jfixklu l-kompetizzjoni effettiva, b'mod partikolari b'riżultat tal-ħolqien jew tat-tisħiħ ta' pożizzjoni dominanti. Dan huwa essenzjalment għaliex amalgamazzjoni mhux orizzontali tista' tibdel l-abilità u l-inċentiva li ssir il-kompetizzjoni min-naħa tal-kumpaniji li qed jamalgamaw u l-kompetituri tagħhom b'modi li jikkawżaw dannu għall-konsumaturi.

16. Fil-kuntest tal-liġi tal-kompetizzjoni, il-kunċett ta' "konsumaturi" jinkludi l-konsumaturi intermedjati u dawk finali ([1]). Meta l-konsumaturi intermedjarji huma kompetituri attwali jew potenzjali tal-partijiet ta' l-amalgamazzjoni, il-kompetizzjoni tiffoka fuq l-effetti ta' l-amalgamazzjoni fuq il-konsumaturi li qed jinbiegħ lilhom mill-entità amalgamata u minn dawk il-kompetituri. B'konsegwenza, il-fatt li amalgamazzjoni taffettwa lill-kompetituri mhuwiex fih innifsu problema. Huwa l-impatt fuq il-kompetizzjoni effettiva li huwa importanti, u mhux biss l-impatt fuq il-kompetituri fuq xi livell tal-katina tal-provvista ([2]). B'mod partikolari, il-fatt li tista' ssir ħsara lir-rivali minħabba li amalgamazzjoni toħloq l-effiċjenzi ma jistax fih innifsu jagħti lok għal tħassib tal-kompetizzjoni.

17. Hemm żewġ modi li fihom l-amalgamazzjonijiet mhux orizzontali jistgħu ifixklu b'mod sinjifikanti l-kompetizzjoni effettiva: effetti mhux ikkoordinati u dawk ikkoordinati ([3]).

18. L-effetti mhux ikkoordinati jistgħu jqumu l-aktar meta l-amalgamazzjonijiet mhux orizzontali jagħtu lok għal *esklużjoni*. F'dan id-dokument, it-terminu "esklużjoni" jintuża biex jiddeskrivi kwalunkwe istanza fejn l-aċċess tar-rivali attwali jew potenzjali għall-provvisti jew għas-swieq huwa mfixkel jew eliminat b'riżultat ta' l-amalgamazzjoni, u b'hekk titnaqqas l-abbiltà u/jew l-inċentiva ta' dawn il-kumpaniji li jikkompetu. B'riżultat ta' din l-esklużjoni, il-kumpaniji li qed jamalgamaw — u, possibbilment uħud mill-kompetituri tagħhom ukoll — jistgħu, bi qligħ, iżidu l-prezz ([4]) li jitolbu lill-konsumatur. Dawn l-istanzi jagħtu lok għal impediment sinjifikanti għall-kompetizzjoni effettiva u għalhekk jissemmew minn hawn 'il quddiem bħala "esklużjoni antikompetittiva".

19. L-effetti kkoordinati jirriżultaw meta l-amalgamazzjoni tibdel in-natura tal-kompetizzjoni b'tali mod li d-ditti li qabel ma kinux qed jikkoordinaw l-imġieba tagħhom, issa b'mod sinjifikanti aktar probabbli jikkoordinaw biex jgħollu l-prezzijiet jew mod ieħor jagħmlu ħsara għall-kompetizzjoni effettiva. Amalgamazzjoni tista' wkoll tagħmel il-koordinazzjoni aktar faċili, aktar stabbli jew aktar effettiva għal ditti li qabel kienu qed jikkoordinaw qabel l-amalgamazzjoni.

20. Meta tevalwa l-effetti kompetittivi ta' amalgamazzjoni, il-Kummissjoni tqabbel il-kondizzjonijiet kompetittivi li jirriżultaw mill-amalgamazzjoni nnotifiakta mal-kondizzjonijiet li kienu jipprevalu mingħajr l-amalgamazzjoni ([5]). Fil-parti l-kbira tal-każijiet il-kondizzjonijiet kompetittivi li kienu jeżistu f'ħin l-amalgamazzjoni jikkostitwixxu t-tqabbil rilevanti għall-evalwazzjoni ta' l-effetti ta' amalgamazzjoni. Iżda, f'xi każijiet, il-Kummissjoni tqis tibdiliet futuri fis-suq li jistgħu jiġu previsti b'mod raġonevoli. B'mod partikolari, tista' tqis il-probabbli dħul jew ħruġ ta' xi ditti jekk ma sseħħx l-amalgamazzjoni meta tqis dak li jikkostitwixxi t-tqabbil rilevanti. Il-Kummissjoni tista' tqis l-iżviluppi tas-suq fil-futur li jirriżultaw mit-tibdiliet regolatorji li huma fil-ġejjieni qrib ([6]).

([1]) Ara l-Artikolu 2(1)(b) tar-Regolament dwar l-Amalgamazzjonijiet u l-paragrafu 84 tal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni — Avviż — Linji Gwida dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 81(3) tat-Trattat, ĠU C 101, 27.4.2004, p. 97..

([2]) Eżempju ta' din l-istrateġija jista' jinsab fil-Każ COMP/M.3653 Siemens/VA Tech (2005), fejn il-Kummissjoni evalwat l-effett tat-tranżazzjoni fuq iż-żewġ swieq komplementarji għall-vetturi elettriċi tal-ferrovija u sistemi elettriċi tal-ġbid tal-ferroviji, li jikkombinaw ruħhom f'vettura sħiħa tal-ferrovija. Filwaqt li l-amalgamazzjoni allegatament naqqset il-provvista indipendenti ta' sistemi elettriċi tal-ġbid, xorta jkun hemm bosta provdituri integrati li jistgħu jipprovdu l-vettura tal-ferrovija. Il-Kummissjoni għalhekk ikkonkludiet li wkoll jekk l-amalgamazzjoni kellha konsegwenzi negattivi għal provdituri indipendenti ta' vetturi tal-ferrovija elettriċi "tibqa' l-kompetizzjoni suffiċjenti fis-suq rilevanti *downstream* għall-vetturi tal-ferrovija"

([3]) Ara t-Taqsima II ta' l-Avviż dwar l-Amalgamazzjonijiet Orizzontali.

([4]) Għat-tifsira ta' l-espressjoni "prezzijiet ogħla" ara n-nota 8.

([5]) B'analoġija, fil-każ ta' amalgamazzjoni li ġiet implimentata mingħajr ma tkun ġiet notifikata, il-Kummissjoni tevalwa l-amalgamazzjoni fid-dawl tal-kondizzjonijiet kompettitivi li kienu jipprevalu mingħajr l-amalgamazzjoni implimentata.

([6]) Dan jista' jkun partikolarment rilevanti f'każijiet fejn il-kompetizzjoni effettiva hija mistennija li tqum fil-futur b'riżultat ta' ftuħ tas-suq. Ara, eż, il-Każ COMP/M.3696 — E.ON/MOL (2005), fil-punti 457 sa 463.

21. Fl-evalwazzjoni tagħha, il-Kummissjoni tqis kemm l-effetti anti-kompetittivi possibbli li jirriżultaw mill-amalgamazzjoni kif ukoll l-effetti pro-kompetittivi possibbli li jirriżultaw minn effiċjenzi sostanzjati li jibbenefikaw lill-konsumaturi. ([1]) Il-Kummissjoni teżamina l-bosta katini ta' kawża u effett bl-għan li taċċerta liema minnhom hija l-aktar probabbli. Aktar ma jkunu immedjati u diretti l-effetti anti-kompetittivi perċepiti ta' amalgamazzjoni, aktar probabbli tkun il-Kummissjoni li tqajjem tħassib tal-kompetizzjoni. B'mod simili, aktar ma jkunu immedjati u diretti l-effetti pro-kompetittivi ta' amalgamazzjoni, aktar huwa probabbli li l-Kummissjoni ssib li dawn jikkontrobilanċjaw l-effetti anti-kompetittivi.

22. Dan id-dokument jiddeskrivi x-xenarji ewlenin ta' dannu kompetittiv u ta' għejun ta' l-effiċjenzi fil-kuntest ta' l-amalgamazzjonijiet vertikali u, sussegwentament, fil-kuntest ta' amalgamazzjonijiet konglomerati.

III. IS-SEHEM TAS-SUQ U L-LIVELLI TAL-KONĊENTRAZZJONI

23. L-amalgamazzjonijiet mhux orizzontali ma jheddux il-kompetizzjoni effettiva kemm-il darba l-entità amalgamata ma jkollhiex livell sinjifikanti ta' setgħa fis-suq (li mhux neċessarjament jammonta għal dominanza) f'għall-inqas wieħed mis-swieq ikkonċernati. Il-Kummissjoni se teżamina din il-kwistjoni qabel ma tkompli biex tevalwa l-impatt ta' l-amalgamazzjoni fuq il-kompetizzjoni.

24. L-ishma tas-suq u l-livelli tal-konċentrazzjoni jipprovdu l-ewwel indikazzjonijiet utili tas-setgħa tas-suq u l-importanza kompetittiva kemm tal-partijiet li qed jamalgamaw kif ukoll tal-kompetituri tagħhom ([2]).

25. Il-Kummissjoni x'aktarx ma ssibx tħassib fl-amalgamazzjonijiet mhux orizzontali, kemm ta' natura koordinata kif ukoll ta' natura mhux koordinata, fejn is-sehem tas-suq wara l-amalgamazzjoni ta' l-entità l-ġdida f'kull wieħed mis-swieq huwa taħt it-30 % ([3]) u l-HHI wara l-amalgamazzjoni huwa taħt l-2000.

26. Fil-prattika, il-Kummissjoni ma tinvestigax dawn l-amalgamazzjonijiet b'mod estensiv, ħlief fejn huma preżenti ċirkostanzi speċjali bħal, per eżempju, wieħed jew aktar minn dawn il-fatturi li ġejjin:

    (a) amalgamazzjoni tinvolvi kumpanija li x'aktarx tespandi b'mod sinjifikanti fil-futur qrib, eż, minħabba innovazzjoni riċenti;

    (b) hemm azzjonijiet ta' xulxin sinjifikanti jew pożizzjonijiet ta' direttur fil-kumpaniji ta' xulxin bejn il-parteċipanti fis-suq;

    (c) waħda mid-ditti li qed jamalgamaw hija ditta bi probabbiltà għolja ta' mġieba kkoordinata li tfixkel;

    (d) indikazzjonijiet ta' koordinazzjoni fl-imgħoddi jew kurrenti, jew prattika li tiffaċilita, huma preżenti.

27. Il-Kummissjoni se tuża il-limiti ta' hawn fuq tas-sehem tas-suq u ta' l-HHI bħala indikatur inizzjali tannuqqas tat-tħassib tal-kompetizzjoni. Madankollu, dawn il-limiti ma jagħtux lok għal preżunzjoni legali. Il-Kummissjoni hija tal-fehma li huwa inqas xieraq f'dan il-kuntest li jiġu ppreżentati livelli ta' sehem tas-suq u ta' konċentrazzjoni li 'l fuq minnhom jitqies probabbli t-tħassib tal-kompetizzjoni, għaliex l-eżistenza ta' livell sinjifikanti ta' poter fis-suq f'għall-inqas wieħed mis-swieq ikkonċernati huwa kondizzjoni neċessarja għad-dannu kompetittiv, iżda mhijiex kondizzjoni suffiċjenti ([4]).

IV. L-AMALGAMAZZJONIJIET VERTIKALI

28. Din it-taqsima tistabbilixxi l-qafas ta' l-analiżi tal-Kummissjoni fil-kuntest ta' amalgamazzjonijiet vertikali. Fl-evalwazzjoni tagħha, il-Kummissjoni tqis kemm l-effetti anti-kompetittivi possibbli li jirriżultaw minn amalgamazzjonijiet vertikali kif ukoll l-effetti possibbli pro-kompetittivi li jirriżultaw mill-effiċjenzi sostanzjati mill-partijiet.

([1]) Ara t-Taqsima VII dwar l-effiċjenzi fl-Avviż dwar l-Amalgamazzjonijiet Orizzontali.

([2]) Ara wkoll it-Taqsima III ta' l-Avviż dwar l-Amalgamazzjonijiet Orizzontali, Il-kalkolu ta' l-ishma tas-suq jiddependi b'mod kritiku fuq id-definizzjoni tas-suq (ara l-avviż tal-Kummissjoni dwar id-definizzjoni tas-suq rilevanti għall-iskopijiet tal-liġi Komunitarja dwar il-kompetizzjoni, ĠU C 372, 9.12.1997). Għandha tittieħed attenzjoni speċjali fil-kuntesti fejn il-kumpaniji integrati vertikalment jipprovdu l-prodotti internament.

([3]) B'analoġija ma' l-indikazzjonijiet mogħtija fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2790/1999 tat-22 ta' Diċembru 1999 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 81(3) tat-Trattat għal kategoriji ta' ftehim vertikali u prattiċi miftiehma, ĠU L 336, 29.12.1999, p. 21. Fejn entità amalgamata jkollha sehem tas-suq li jaqbeż bi ftit il-limitu ta' 30 % f'suq wieħed iżda li huwa sostanzjalment taħt fuq swieq oħrajn relatati, anqas ikun probabbli t-tħassib tal-kompetizzjoni.

([4]) Ara t-Taqsimiet IV u V.

A. **L-effetti mhux ikkoordinati: l-esklużjoni**

29. Amalgamazzjoni tingħad li tirriżulta f'esklużjoni fejn l-aċċess tar-rivali attwali jew potenzjali għall-provvisti jew swieq huwa mfixkel jew eliminat b'riżultat ta' l-amalgamazzjoni, u b'hekk titnaqqas l-abilità u/jew inċentiva ta' dawn il-kumpaniji li jikkompetu. Din l-esklużjoni tista' tiskoraġġixxi d-dħul jew l-espansjoni tar-rivali jew tħeġġeġ il-ħruġ tagħhom. Għalhekk l-esklużjoni tista' tinsab ukoll jekk ir-rivali esklużi mhumiex imġieġħla joħorġu mis-suq: huwa biżżejjed li r-rivali huma żvantaġġjati u konsegwentament imwassla biex jikkompetu b'mod inqas effettiv. Din l-esklużjoni titqies bħala anti-kompetittiva fejn il-kumpaniji li qed jamalgamaw — u, possibbilment, uħud mill-kompetituri tagħhom ukoll — b'riżultat jistgħu bi qligħ iżdu l-prezz mitlub lill-konsumaturi ([1]).

30. Jistgħu jiġu distinti żewġ forom ta' esklużjoni. L-ewwel hija fejn l-amalgamazzjoni x'aktarx tgħolli l-ispejjeż tar-rivali *downstream* fis-suq billi tirrestrinġi l-aċċess tagħhom għal dħul importanti (l-esklużjoni tad-dħul). It-tieni hija fejn l-amalgamazzjoni x'aktarx teskludi lir-rivali fis-suq *upstream* billi tirrestrinġi l-aċċèss tagħhom għal bażi ta' klijentela suffiċjenti (l-esklużjoni tal-klijenti) ([2]).

1. *L-esklużjoni tad-dħul*

31. L-esklużjoni tad-dħul issir fejn, wara l-amalgamazzjoni, l-entità x'aktarx tirrestrinġi l-aċċess għall-prodotti jew is-servizzi li mod ieħor kienet tipprovdi fin-nuqqas ta' l-amalgamazzjoni, u b'hekk iżżid l-ispejjeż tar-rivali tagħha *downstream* fis-suq billi tagħmilha aktar iebsa għalihom li jiksbu provvisti tad-dħul taħt prezzijiet u kondizzjonijiet simili fin-nuqqas ta' l-amalgamazzjoni. Dan jista' jwassal lill-entità amalgamata żżid bi qligħ il-prezz mitlub lill-konsumaturi, li jirriżulta fi tfixkil sinjifikanti għall-kompetizzjoni effettiva. Kif indikat hawn fuq, biex l-esklużjoni tad-dħul twassal għal ħsara lill-konsumatur, mhuwiex meħtieġ li r-rivali tal-kumpanija amalgamata huma mġieġħla li joħorġu mis-suq. Il-gwida rilevanti hija jekk l-ispejjeż ogħla tad-dħul iwasslux għal prezzijiet ogħla għall-konsumaturi. Kwalunkwe effiċjenza li tirriżulta mill-amalgamazzjoni tista', mandankollu, twassal lill-entità amalgamata li tnaqqas il-prezzijiet tagħha, sabiex l-impatt totali probabbli fuq il-konsumaturi huwa newtrali jew pożittiv. Prezentazzjoni grafika ta' dan il-mekkaniżmu tingħata fil-Figura 1.

Figura 1

L-esklużjoni tad-dħul



([1]) Għat-tifsira ta' l-espressjoni "prezzijiet ogħla", ara n-nota 8. Għat-tifsira ta' "konsumaturi", ara l-paragrafu 16.
([2]) Ara r-Regolament dwar l-Amalgamazzjonijiet, l-Artikolu 2(1)(b), li jirreferi għal "*aċċess għall-provisti*" u "*aċċess għal […] swieq*" rispettivament.

32. Fl-evalwazzjoni tal-probabbiltà ta' xenarju ta' l-esklużjoni tad-dħul anti-kompetittiva, il-Kummissjoni l-ewwel teżamina jekk l-entità amalgamata wara l-amalgamazzjoni jkollhiex l-abilità li teskludi b'mod sostanzjali l-aċċess għad-dħul, it-tieni jekk ikollhiex l-inċentiva li tagħmel dan, u t-tielet, jekk strateġija ta' l-esklużjoni jkollhiex effett detrimentali sinjifikanti fuq il-kompetizzjoni *downstream*. ([1]) Fil-prattika, dawn il-fatturi huma spiss eżaminati flimkien ladarba huma marbutin fil-qrib ma' xulxin.

A. L-abilità li teskludi l-aċċess għad-dħul ([2])

33. L-esklużjoni tad-dħul tista' ssir f'bosta forom. L-entità amalgamata tista' tiddeċiedi li ma taħdimx mal-kompetituri attwali jew potenzjali tagħha fis-suq vertikalment relatat. Alternattivament, il-kumpanija amalgamata tista' tiddeċiedi li tirrestriġi l-provvisti u/jew iżżid il-prezz li titlob meta tfornixxi lill-kompetituri u/jew mod ieħor tagħmel il-kondizzjonijiet tal-fornitura inqas favorevoli milli kienu jkunu finnuqqas ta' l-amalgamazzjoni. ([3]) Barra minn dan, l-entità amalgamata tista' tagħżel għażla speċifika ta' teknoloġija fil-kumpanija l-ġdida li mhijiex kompatibbli mat-teknoloġiji magħżula mid-ditti rivali ([4]). L-esklużjoni tista' wkoll tieħu forom aktar sottili, bħad-degradazzjoni tal-kwalità tad-dħul provdut ([5]). Fl-evalwazzjoni tagħha, il-Kummissjoni tista' tqis serje ta' strateġiji alternattivi jew komplementarji possibbli.

34. L-esklużjoni tad-dħul tista' tqajjem problemi ta' kompetizzjoni biss jekk tikkonċerna dħul importanti għall-prodott *downstream*. ([6]) Dan huwa l-każ, per eżempju, meta d-dħul ikkonċernat jirrappreżenta fattur sinjifikanti ta' spejjeż relattivi għall-prezz tal-prodott *downstream*. Irrispettivament mill-ispiża, dħul jista' wkoll ikun importanti biżżejjed għal raġunijiet oħrajn. Per eżempju, id-dħul jista' jkun komponent kritiku mingħajr liem il-prodott *downstream* ma jistax jiġi mmanifatturat jew mibjugħ effettivament fis-suq ([7]), jew jista' jitlob għajn sinjifikanti ta' differenzjament tal-prodott għall-prodott *downstream* ([8]). Jista' wkoll ikun li l-ispiża biex wieħed jaqleb għal dħul alternattiv hija relativament għolja.

35. Biex l-esklużjoni tad-dħul tkun raġuni ta' tħassib, il-kumpanija integrata vertikalment li tirriżulta mill-amalgamazzjoni għandu jkollha livell sinjifikanti ta' setgħa tas-suq fis-suq *upstream*. Huwa biss f'dawn iċ-ċirkostanzi li l-kumpanija amalgamata tista' tkun mistennija li kollha influwenza sinjifikanti fuq il-kondizzjonijiet tal-kompetizzjoni fis-suq *upstream* u b'hekk, possibbilment, fuq prezzijiet u kondizzjonijiet tal-fornitura fis-suq *downstream*.

36. L-entità amalgamata jkollha biss l-abbiltà li teskludi lill-kompetituri *downstream* fis-suq billi tnaqqas l-aċċess għall-prodotti tagħha stess fis-suq *upstream*, hija tista' taffettwa b'mod negattiv id-disponibbiltà ġenerali tad-dħul għas-suq *downstream* f'termini ta' prezz jew kwalità. Dan jista' jkun il-każ fejn il-bqija tal-forniturі fis-suq *upstream* huma inqas effiċjenti, joffru alternattivi inqas preferuti, jew m'għandhomx l-abbiltà li jespandu l-produzzjoni b'reazzjoni għar-restrizzjoni fil-fornitura, per eżempju għaliex għandhom limiti ta' kapaċità jew, b'mod aktar ġenerali, jiffaċċjaw ritorn għall-iskala dejjem inqas ([9]). Ukoll, il-preżenza tal-kuntratti esklussivi bejn l-entità amalgamata u forniturі indipendenti tad-dħul tista' tillimita l-abbiltà tar-rivali *downstream* fis-suq li jkollhom aċċess xieraq għad-dħul.

([1]) Ara eż, il-Każ COMP/M.4300 -Philips/Intermagnetics, COMP/ M.4314 — Johnson & Johnson/Pfizer Consumer Healthcare, COMP/M.4389 — WLR/ BST, COMP/ M.4403 — Thales/Finmeccanica/Alcatel lenia Space u Telespazio, COMP/ M.4494 — Evraz/Highveld, u COMP/M.4561 — GE/ Smiths Aerospace.

([2]) Il-kelma "dħul" tintuża hawn bħala terminu ġeneriku u tista' wkoll tkopri servizzi, aċċess għall-infrastruttura u aċċess għad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali.

([3]) Ara eż, il-Każ COMP/M.1693 — Alcoa/Reynolds (2000), il-Każ COMP/M.4403 — Thales/ Finmeccanica/ Alcatel Alenia Space/ Telespazio, il-punti 257-260.

([4]) Ara eż, il-Każ COMP/M.2861 — Siemens/Drägerwerk/JV (2003), il-Każ COMP/M.3998 Axalto, il-punt 75.

([5]) Ara eż, il-Każ COMP/M.4314 — Johnson & Johnson/ Pfizer Consumer Healthcare, il-punti 127-130.

([6]) Ara eż, il-Każ COMP/M.3868 Dong/Elsam/Energi E2, il-Każ COMP/M.4094 Ineos/ BP Dormagen, il-punti 183-184, il-Każ COMP/M.4561, GE/Smiths Aerospace, il-punti 48-50.

([7]) Per eżempju, *starter* ta' magna jista' jitqies komponent kritiku għal magna (il-Każ T-210/01, General Electric v. Il-Kummissjoni [2005], ECR II-000); ara wkoll, eż, il-Każ COMP/M.3410 — Total/GDF, il-punti 53-54 u 60-61.

([8]) Per eżempju, il-kompjuters personali spiss jinbiegħu b'referenza speċifika għat-tip ta' mikroproċessur li jkun fihom.

([9]) Ara eż, il-Każ COMP/M.4494 Evraz/ Highveld, il-punt 92 u l-punti 97-112.

37. Meta jiġi ddeterminat l-grad sa liem tista' sseħħ l-esklużjoni tad-dħul, għandu jitqies li d-deċiżjoni ta' l-entità amalgamata tiddependi fuq il-fornitura tad-diviżjonijiet tagħha fis-suq *upstream* ta' dħul tista' wkoll tillibera l-kapaċità min-naħa tal-bqija tal-forniturі tad-dħul li minnhom id-diviżjoni *downstream* fis-suq kienet tixtri qabel. Fil-fatt, l-amalgamazzjoni tista' sempliċiment tallinja mill-ġdid it-tendenzi tax-xiri fost id-ditti li qed jikkompetu.

38. Meta l-kompetizzjoni fis-suq tad-dħul hija oligopolistika, deċiżjoni ta' l-entità amalgamata li tirrestrinġi l-aċċess għad-dħul tagħha tnaqqas il-pressjoni kompetittiva eżerċitata fuq il-bqija tal-forniturі tad-dħul, li jista' jippermettihom li jgħollu l-prezz tad-dħul li jitolbu lill-kompetituri *downstream* mhux integrati. Tassew, l-esklużjoni tad-dħul mill-entità amalgamati tista' tesponi lir-rivali *downstream* tagħha lil forniturі mhux integrati vertikalment b'setgħa akbar fis-suq ([1]). Din iż-żieda fil-poter tas-suq ta' terzi tkun akbar, aktar ma jkun baxx il-livell ta' differenzjament tal-prodott bejn l-entità amalgamata u forniturі oħrajn fis-suq *upstream* u aktar ma jkun għoli l-livell ta' konċentrazzjoni fis-suq *upstream*. Iżda, l-attentat li jitgħolla l-prezz tad-dħul jista' jonqos fejn il-forniturі indipendenti tad-dħul, konfrontati bi tnaqqis fit-talba għall-prodotti tagħhom (mid-diviżjoni *downstream* jew minn ditti indipendenti *downstream*) jirreaġixxu billi jipprezzaw b'mod aktar aggressiv ([2]).

39. Fl-evalwazzjoni tagħha, il-Kummissjoni se tqis, fuq il-bażi ta' l-informazzjoni disponibbli, jekk hemmx kontro-strateġiji effettivi u f'waqthom li x'aktarx jużaw id-ditti rivali. Dawn il-kontro-strateġiji jinkludu l-possibbiltà li jibdlu l-proċess tal-produzzjoni tagħhom sabiex ikunu inqas dipendenti fuq id-dħul ikkonċernat jew fl-isponsorjar tad-dħul ta' forniturі ġodda fis-suq *upstream*.

B. L-inċentiva li jiġi eskluż l-aċċess għad-dħul

40. L-inċentiva ta' l-esklużjoni tiddependi fuq il-grad sa liem l-esklużjoni tista' ġġib profitt. Il-kumpanija integrata vertikalment tqis kif il-forniturі tagħha ta' dhul lill-kompetituri *downstream* jaffettwaw mhux biss il-qligħ tad-diviżjoni tagħha fis-suq *upstream*, iżda wkoll tad-diviżjoni tagħha *downstream*. Essenzjalment, l-entità amalgamata tiffaċċja tpattija bejn il-qligħ mitluf fis-suq *upstream* minħabba tnaqqis ta' bejgħ tad-dħul lil rivali (attwali jew potenzjali) u ż-żieda fil-qligħ, fit-terminu l-qasir jew itwal, minn żieda tal-bejgħ *downstream* jew, skond il-każ, li tkun tista' żżid il-prezzijiet għall-konsumaturi.

41. It-tpaċija x'aktarx tiddependi fuq il-livell ta' qligħ *upstream* jew *downstream* li tikseb l-entità amalgamata ([3]) Jekk affarijiet oħrajn ikunu kostanti, aktar ma jkunu baxxi l-marġini fis-suq *upstream*, aktar ma jkun baxx it-telf mil-limitazzjoni tal-bejgħ tad-dħul. B'mod simili, aktar ma jkunu għoljin il-marġini *downstream*, ogħla tkun iż-żieda ta' qligħ miż-żieda tas-sehem tas-suq *downstream* b'dannu għar-rivali esklużi ([4]).

42. L-inċentiva li l-kumpanija integrata żżid l-ispejjeż tar-rivali tiddependi wkoll fuq sa fejn it-talba *downstream* x'aktarx tiġi mmexxija lil hinn mir-rivali esklużi u s-sehem ta' dik it-talba mfixkla li d-diviżjoni

([1]) L-analiżi ta' l-effett probabbli tat-tneħħija ta' limitazzjoni kompetittiva hija simili għall-analiżi ta' effetti mhux ikkoordinati bl-amalgamazzjonijiet orizzontali (ara t-Taqsima IV ta' l-Avviż dwar l-Amalgamazzjonijiet Orizzontali)

([2]) Ukoll in-natura tal-kuntratti tal-fornitura bejn il-provdituri fis-suq *upstream* u d-ditti indipendenti fis-suq *downstream* tista' tkun importanti f'dan ir-rigward. Per eżempju, meta dawn il-kuntratti jużaw sistema ta' prezzijiet li jikkombinaw tariffa fissa u prezz tal-fornitura għal kull unità, l-effett fuq l-ispejjeż marġinali tal-kompetituri fis-suq *downstream* jista' jkun affettwat inqas minn meta dawn il-kuntratti jinvolvu biss prezzijiet tal-fornitura għal kull unità.

([3]) Ara, eż, il-Każ COMP/M.4300 — Philips/ Intermagnetics, il-punti 56-62, Case COMP/M.4576 — AVR/ Van Gansewinkel, il-punti 33-38.

([4]) Għandu jitqies li l-marġini fis-suq *upstream* u fis-suq *downstream* jistgħu jinbidlu b'riżultat ta' l-amalgamazzjoni. Dan jista' jkollu impatt fuq l-inċentiva ta' l-entità amalgamata li twettaq l-esklużjoni.

downstream tal-kumpanija integrata tista' tikseb ([1]). Dan is-sehem normalment ikun ogħla aktar ma tkun limitata mill-kapaċità l-entità amalgamata relativament għal rivali *downstream* mhux esklużi u aktar ma l-prodotti ta' l-entità amalgamata u tal-kompetituri esklużi huma sostituti qrib. L-effett fuq it-talba *downstream* ikun ogħla wkoll jekk id-dħul affettwat jirrappreżenta sehem sinjifikanti ta' l-ispejjeż tar-rivali *downstream* jew jekk id-dħul affettwat jirrappreżentax komponent kritiku tal-prodott *downstream* ([2]).

43. L-inċentiva li jiġu esklużi r-rivali attwali jew potenzjali tista' wkoll tiddependi fuq sa fejn id-diviżjoni *downstream* tal-kumpanija integrata tista' tkun mistennija li tibbenefika minn livelli ta' prezzijiet ogħla *downstream* b'riżultat ta' strateġija biex jiżdiedu l-ispejjeż tar-rivali. ([3]) Akbar ma jkunu l-ishma tas-suq ta' l-entità amalgamata *downstream*, akbar ma jkun il-bażi tal-bejgħ fuq liem jistgħu jitgawdew marġini akbar ([4]).

44. Monopolist fis-suq *upstream* li jista' għal kollox joħroġ il-profitti kollha disponibbli fi swieq integrati vertikalment jista' ma jkollux inċentiva li jeskludi lir-rivali wara amalgamazzjoni vertikali. L-abbiltà li wieħed joħroġ il-profitti disponibbli mill-konsumaturi ma ssegwix immedjatament minn sehem għoli ħafna tas-suq. ([5]) Sejba bħal din teħtieġ analiżi aktar dettaljata tal-limiti attwali u futuri taħt liema jopera l-monopolist. Meta l-profitti kollha disponibbli ma jistgħux jiġu estratti, amalgamazzjoni vertikali — ukoll jekk tinvolvi monopolist fis-suq *upstream* — tista' tagħti lill-entità amalgamata l-inċentiva li żżid l-ispejjeż tar-rivali *downstream*, u b'hekk tnaqqas il-limitu kompetittiv li jeżerċitaw fuq l-entità amalgamata *downstream*.

45. Fl-evalwazzjoni tagħha ta' l-inċentivi probabbli tal-kumpanija amalgamata, il-Kummissjoni tista' tqis bosta konsiderazzjonijiet bħall-istruttura tal-proprjetà ta' l-entità amalgamata ([6]), it-tip ta' strateġiji adottati fis-suq fl-imgħoddi ([7]) jew il-kontenut ta' dokumenti strateġiċi interni bħall-pjanijiet kummerċjali.

([1]) Ara, eż, il-Każ COMP/M.3943 — Saint-Gobain/BPB (2005), il-punt 78. Il-Kummissjoni osservat li x'aktarx BPB, il-provditur ewlieni tal-plasterbord fir-Renju Unit, ma tnaqqasx il-provvisti lil distributuri rivali ta' Saint-Gobain, parzjalment ghaliex l-espansjoni tal-kapaċità tad-distribuzzjoni ta' Saint-Gobain kienet diffiċli.

([2]) Konversament, jekk id-dħul huwa responsabbli biss għal sehem żgħir tal-prodott fis-suq *downstream* u mhuwiex komponent kritiku, anke sehem kbir tas-suq fis-suq *upstream* jista' ma jagħtix lill-entità amalgamata l-inċentiva li teskludi lir-rivali fis-suq *downstream* ghaliex ftit, jekk hemm, bejgħ titbiddillu d-direzzjoni lejn l-unità fis-suq *downstream* tal-kumpanija integrata. Ara, eż, il-Każ COMP/M.2738 GEES/ Unison; il-Każ COMP M.4561, GE/Smiths Aerospace, il-punti 60-62.

([3]) Ara, eż, il-Każ COMP/M.4314 — Johnson & Johnson/ Pfizer Consumer Healthcare, il-punti 131-132.

([4]) Ghandu jiġi nnutat li anqas ma tista' l-kumpanija amalgamata timmira lil suq *downstream* speċifiku, inqas hija probabbli li tgħolli l-prezzijiet tagħha ghad-dħul li tfornixxi, ghaliex ikollha tagħmel spejjeż ta' opportunità fi swieq oħrajn *downstream*. F'dan ir-rigward, kemm tista' tiddiskrimina fil-prezzijiet l-entità amalgamata meta hija tipprovdi lil bosta swieq *downstream* u/jew swieq anċillarji jista' jitqies (eż, ghal *spare parts*).

([5]) Sitwazzjoni fejn dan jista' ma jkunx il-każ tkun fejn il-monopolist ghandu l-hekk imsejħa problema ta' impenn li ma jistax isolvi. Per eżempju, xerrej fis-suq *downstream* jista' jkun lest li jħallas prezz gholi lil monopolist fis-suq *upstream* jekk dan ta' l-aħħar ma jbigħx sussegwentament kwantitajiet addizzjonali lil kompetitur. Iżda jekk it-termini tal-fornitura huma fissi ma ditta waħda fis-suq *downstream*, il-fornitur fis-suq *upstream* jista' jkollu inċentiva li jżid il-provvisti tiegħu lil ditti oħrajn fis-suq *downstream*, u b'hekk jagħmel l-ewwel xirja inkapaċi li tagħmel qligħ. Ladarba d-ditti fis-suq *downstream* jantiċipaw dan it-tip ta' mġieba opportunistika, il-fornitur fis-suq *upstream* ma jkunx jista' jespoljta ghal kollox il-poter fis-suq tiegħu. L-integrazzjoni vertikali tista' tagħti lura l-abbiltà tal-fornitur fis-suq *upstream* li jintrabat li ma jespandix il-bejgħ tad-dħul ghaliex dan jagħmel ħsara lid-diviżjoni tiegħu stess fis-suq *downstream*. Każ ieħor fejn il-monopolist ma jistax jikseb il-profitti kollha disponibbli tal-monopolju jista' jqum fejn il-kumpanija ma tistax tagħmel differenza fil-prezzijiet tagħha fost il-konsumaturi.

([6]) Per eżempju, f'każijiet fejn żewġ kumpaniji ghandhom kontroll konġunt fuq ditta li hija attiva fis-suq *upstream*, u waħda biss hija attiva fis-suq *downstream*, il-kumpanija minghajr attivitajiet fis-suq *downstream* jista' jkollha ftit interess li tirrinunzja fil-bejgħ tad-dħul. F'dawn il-każijiet, l-inċentiva ta' l-esklużjoni hija iżghar minn meta l-kumpanija fis-suq *downstream* hija ghal kollox kontrollata minn kumpanija b'attivitajiet fis-suq *downstream*. Ara, eż, il-Każ COMP/M.3440 — EDP/ENI/GDP (2004), il-Każ COMP/M.4403 — Thales/ Finmeccanica/ Alcatel Alenia Space/ Telespazio, il-punti 121 u 268.

([7]) Il-fatt li fl-imgħoddi, kompetitur b'pożizzjoni simili tas-suq bħall-entità amalgamata waqaf milli jipprovdi d-dħul jista' juri li huwa razzjonali kummerċjalment li tiġi adottata strateġija bħal din (ara eż, Alcan/Pechiney, M. 3225 (2004), fil-punt 40).

46. Barra minn dan, meta l-adozzjoni ta' mġieba speċifika mill-entità amalgamata hija pass essenzjali fl-esklużjoni, il-Kummissjoni teżamina kemm l-inċentiva li tiġi adottata din l-imġieba kif ukoll il-fatturi li x'aktarx inaqqsu, jew saħansitra jeliminaw, dawk l-inċentivi, inkluża l-possibbiltà li l-imġieba hija illegali. L-imġieba tista' tkun illegali fost l-oħrajn minħabba r-regoli tal-kompetizzjoni jew ir-regoli speċifiċi għas-settur fuq il-livell ta' l-UE jew dak nazzjonali. Iżda din l-evalwazzjoni ma teħtieġx eżaminazzjoni eżawstiva u dettaljata tar-regoli tal-bosta ordnijiet legali li jistgħu jkunu applikabbli u tal-politika ta' l-infurzar prattikata fihom ([1]). Barra minn dan, l-illegalità ta' mġieba jista' jkun li tipprovdi diżinċentivi sinjifikanti biex l-entità amalgamata twettaq din l-imġieba biss f'xi ċirkostanzi. B'mod partikolari, il-Kummissjoni tqis, fuq il-bażi ta' analiżi sommarja: (i) il-probabbiltà li din l-imġieba tkun ċarament, jew bi probabbiltà qawwija, illegali skond il-liġi Komunitarja ([2]), (ii) il-probabbiltà li din l-imġieba illegali tista' tiġi skoperta ([3]), u (iii) il-penali li jistgħu jiġu imposti.

C. l-impatt probabbli ġenerali fuq il-kompetizzjoni effettiva

47. B'mod ġenerali, amalgamazzjoni tqajjem tħassib tal-kompetizzjoni minħabba l-esklużjoni tad-dħul meta twassal għal prezzijiet ogħla *downstream* u b'hekk tfixkel b'mod sinjifikanti l-kompetizzjoni effettiva.

48. L-ewwel, l-esklużjoni antikompetittiva tista' ssehh fejn amalgamazzjoni vertikali tippermetti lill-partijiet li qed jingħaqdu jżidu l-ispejjeż tar-rivali *downstream* u b'hekk twassal għal pressjoni 'l fuq fil-prezzijiet tal-bejgħ tagħhom. Id-dannu sinjifikanti għall-kompetizzjoni effettiva normalment jeħtieġ li d-ditti esklużi jkollhom rwol importanti biżżejjed fil-proċess kompetittiv *downstream*. Aktar ma tkun għolja l-proporzjon ta' rivali li jkunu esklużi fis-suq *downstream*, aktar huwa probabbli li l-amalgamazzjoni tista' tkun mistennija li tirriżulta f'żieda sinjifikanti fil-prezzijiet fis-suq *downstream* u, għalhekk, li tfixkel b'mod sinjifikanti l-kompetizzjoni effettiva fih. ([4]) Minkejja sehem tas-suq relativament żgħir meta mqabbel ma' parteċipanti oħrajn, kumpanija speċifika jista' jkollha rwol kompetittiv sinjifikanti meta mqabbel ma' parteċipanti oħrajn ([5]), per eżempju minħabba li hija kompetitur fil-qrib tal-kumpanija integrata vertikalment jew għaliex hija kompetitur partikolarment aggressiv.

49. It-tieni, il-kompetizzjoni effettiva tista' tiġi mfixkla b'mod sinjifikanti billi jiżdiedu l-ostakoli għad-dħul minn kompetituri potenzjali. ([6]) Amalgamazzjoni vertikali tista' teskludi l-kompetizzjoni potenzjali fis-suq *downstream* meta l-entità amalgamata x'aktarx ma tipprovdix lill-entranti potenzjali fis-suq *downstream*, jew biss fuq termini inqas favorevoli milli fin-nuqqas ta' l-amalgamazzjoni. Is-sempliċi probabbiltà li l-entità amalgamata twettaq strateġija ta' esklużjoni wara l-amalgamazzjoni tista' diġà toħloq effett deterrent qawwi fuq l-entranti potenzjali ([7]). Il-kompetizzjoni effettiva fis-suq *downstream* tista' tiġi mfixkla b'mod sinjifikanti billi jiżdiedu l-ostakoli għad-dħul, b'mod partikolari jekk l-esklużjoni tad-dħul jimplika għal dawn il-kompetitur potenzjali l-bżonn li jidħlu kemm fil-livell *downstream* kif ukoll dak *upstream* sabiex wieħed jikkompeti b'mod effettiv fiż-żewġ swieq. It-tħassib taż-żieda ta' l-ostakoli għad-dħul huwa partikolarment rilevanti f'dawk l-industriji li qed jinfetħu għall-kompetizzjoni jew li huma mistennija li jagħmlu dan fil-ġejjieni prevedibbli ([8]).

([1]) Il-Każ C-12/03 P, Il-Kummissjoni v. Tetra Laval BV, ECR I-000, paragrafi 74-76. Il-Każ T-210/01, General Electric v. Il-Kummissjoni [2005], ECR II-000, fil-paragrafu 73.
([2]) Il-Każ T-210/01, General Electric v. Il-Kummissjoni [2005], ECR II-000, speċifikament il-punti 74-75 u 311-312.
([3]) Per eżempju, fil-Każ M.3696 E.ON/MOL (2005), il-punti 433 u 443-446, il-Kummissjoni tat importanza lill-fatt li r-regolatur nazzjonali Ungeriż għas-settur tal-gass indika li f'għadd ta' xenarji, għalkemm għandha d-dritt li tikkontrolla u ġġieġħel lill-parteċipanti fis-suq jaġixxu mingħajr diskriminazzjoni, ma tkunx tista' tikseb informazzjoni xierqa dwar l-imġieba kummerċjali ta' l-operaturi. Ara wkoll il-Każ COMP/M.3440 — EDP/ENI/GDP (2004), il-punt 424.
([4]) Ara eż, il-Każ COMP/M.4494 Evraz/ Highveld, il-punti 97-112.
([5]) Ara eż, il-Każ COMP/M.3440 — EDP/ENI/GDP (2004).
([6]) Ara eż, il-Każ COMP/M.4180 Gaz de France/ Suez, il-punti 876-931, il-Każ COMP/M.4576 — AVR/ Van Gansewinkel, il-punti 33-38.
([7]) Ara l-Każ COMP/M.3696 — E.ON/MOL (2005), fil-punt 662 et seq.
([8]) Ara l-paragrafu 20. Huwa importanti li l-miżuri regolatorji mmirati li jifthu suq mhumiex magħmula ineffettivi minħabba li jamalgamaw kumpaniji monopolisti relatati b'mod vertikali u li b'hekk joħonqu s-suq, jew jeliminaw lil xulxin bħala entranti potenzjali.

50. Jekk jibqa' biżżejjed kompetituri *downstream* kredibbli li l-ispejjeż tagħhom x'aktarx ma jiżdidux, per eżempju għaliex huma stess vertikalment integrati ([1]) jew huma kapaċi li jaqilbu għal dħul alternattiv xieraq, il-kompetizzjoni minn dawk id-ditti tista' tikkostitwixxi limitu suffiċjenti fuq l-entità amalgamata u għalhekk trażżan lill-prezzijiet tal-produzzjoni milli jogħlew aktar mil-livelli ta' qabel l-amalgamazzjoni.

51. L-effett fuq il-kompetizzjoni fis-suq *downstream* għandu wkoll jiġi evalwat fid-dawl ta' fatturi kontrobilanċjanti bħall-preżenza tas-setgħa tax-xerrejja ([2]) jew il-probabbiltà li d-dħul fis-suq *upstream* iżomm il-kompetizzjoni effettiva ([3]).

52. Barra minn dan, l-effett fuq il-kompetizzjoni jeħtieġ li jiġi evalwat fid-dawl ta' l-effiċjenzi sostanzjati mill-partijiet li qed jamalgamaw ([4]) Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li, b'konsegwenza ta' l-effiċjenzi li ġġib l-amalgamazzjoni, ma hemm ebda raġunijiet biex l-amalgamazzjoni tiġi ddikjarata inkompatibbli mas-suq komuni skond l-Artikolu 2(3) tar-Regolament dwar l-Amalgamazzjonijiet. Dan ikun il-każ fejn il-Kummissjoni hija f'pożizzjoni li tikkonkludi fuq il-bażi ta' evidenza suffiċjenti li l-effiċjenzi ġġenerati mill-amalgamazzjoni x'aktarx iżidu l-abbiltà u l-inċentiva ta' l-entità amalgamata li taġixxi b'mod pro-kompetittiv għall-benefiċċju tal-konsumaturi, u b'hekk tikkontrobilanċja l-effetti avversi fuq il-kompetizzjoni li jista' jkollha mod ieħor l-amalgamazzjoni.

53. Meta tevalwa l-effiċjenzi fil-kuntest ta' l-amalgamazzjonijiet mhux orizzontali, il-Kummissjoni tapplika l-prinċipji diġà stabbiliti fit-Taqsima VII ta' l-Avviż dwar l-Amalgamazzjonijiet Orizzontali. B'mod partikolari, biex il-Kummissjoni tqis l-allegazzjonijiet ta' effiċjenzi fl-evalwazzjoni tagħha ta' l-amalgamazzjoni, l-effiċjenzi għandhom ikunu ta' benefiċċju għall-konsumaturi, ikunu speċifiċi għall-amalgamazzjoni u jkunu jistgħu jiġu vverifikati. Dawn il-kondizzjonijiet huma kumulattivi ([5]).

54. L-amalgamazzjonijiet vertikali jistgħu jimplikaw xi għejun speċifiċi ta' effiċjenzi, li l-lista tagħhom mhijiex eżawstiva.

55. B'mod partikolari, amalgamazzjoni vertikali tippermetti lill-entità amalgamata tinternalizza kwalunkwe żieda doppja fil-prezzijiet eżistenti minn qabel li rriżultat mil-fatt li ż-żewġ partijiet kienu jistabbilixxu l-prezzijiet tagħhom b'mod indipendenti qabel l-amalgamazzjoni ([6]). Skondi l-kondizzjonijiet tas-suq, it-tnaqqis taż-żieda fil-prezzijiet ikkombinata (relattivament għal sitwazzjoni fejn id-deċiżjonijiet dwar prezzijiet fuq iż-żewġ livelli mhumiex allinjati) jista' jippermetti lil-kumpanija integrata b'mod vertikali tespandi bi profitt il-produzzjoni tagħha fis-suq *downstream* ([7]).

56. Amalgamazzjoni vertikali tista' wkoll tippermetti lill-partijiet jikkoordinaw aħjar il-proċess tal-produzzjoni u d-distribuzzjoni, u għalhekk jiffrankaw l-ispejjeż ta' l-inventarji.

57. B'mod aktar ġenerali, amalgamazzjoni vertikali tista' tallinja l-inċentivi tal-partijiet fir-rigward ta' investimenti f'prodotti ġodda, proċessi ġodda tal-produzzjoni u l-bejgħ fis-suq tal-prodotti. Per eżempju, fil-waqt li qabel l-amalgamazzjoni, distributor fis-suq *downstream* seta' kien riluttanti li jinvesti fir-reklamar u f'li javża lill-klijenti dwar il-kwalitajiet tal-prodotti ta' l-entità fis-suq *upstream* meta dan l-investiment seta' wkoll ibbenefika l-bejgħ ta' ditti oħrajn fis-suq *downstream*, l-entità amalgamata tista' tnaqqas dawn il-problemi ta' inċentiv.

([1]) Ara eż, il-Każ COMP/M.3653 — Siemens/VA Tech (2005), fil-punt 164.
([2]) Ara t-Taqsima V dwar il-poter kontrobilanċjanti tax-xerrejja fl-Avviż dwar l-Amalgamazzjonijiet Orizzontali.
([3]) Ara t-Taqsima VI dwar id-dħul fl-Avviż dwar l-Amalgamazzjonijiet Orizzontali.
([4]) Ara t-Taqsima VII dwar l-effiċjenzi fl-Avviż dwar l-Amalgamazzjonijiet Orizzontali.
([5]) Ara b'mod aktar speċifiku, il-paragrafi 79 sa 88 ta' l-Avviż dwar l-Amalgamazzjonijiet Orizzontali
([6]) Ara wkoll il-paragrafu 13 hawn fuq.
([7]) Huwa importanti li jiġi rikonxxut, madankollu, li l-problema taż-żieda fil-prezzijiet doppja mhijiex dejjem preżenti jew sinjifikanti qabel l-amalgazzjoni, per eżempju minħabba li l-partijiet li qed jamalgamaw diġà jkunu kkonludew ftehim ta' provvista b'mekkaniżmu ta' prezzijiet li jipprovdi għal skontijiet ta' volum li jelimina ż-żieda fil-prezzijiet. L-effiċjenzi assoċjati ma' l-eliminazzjoni taż-żieda fil-prezzijietdoppji jistgħu jkunu dejjem speċifiċi għall-amalgamazzjoni għaliex il-kooperazzjoni vertikali jew il-ftehimiet vertikali jistgħu, fin-nuqqas ta' amalgamazzjoni, jiksbu benefiċċji simili b'inqas effetti antikompetittivi. Barra minn dan, amalgamazzjoni ma tistax għal kollox telimina ż-żieda fil-prezzijiet doppja fejn il-fornutura tad-dħul hija limitata mill-limiti tal-kapaċità u hemm użu alternattiv profitabbli ndaqs għad-dħul. F'dawn iċ-ċirkostanzi, l-użu intern tad-dħul jimplika spiż ta' opportunità għall-kumpanija integrata vertikalment: l-użu ta' aktar mid-dħul internament biex tiżdied il-produzzjoni fis-suq *downstream* ifisser bejgħ inqas fis-suq alternattiv. B'riżultat, l-inċentiva li d-dħul jintuża internament u li tiżdied il-produzzjoni fis-suq *downstream* hija inqas milli meta hemm inqas spiża ta' opportunità.

2. *L-esklużjoni tal-klijenti*

58. L-esklużjoni tal-klijenti tista' sseħħ fejn fornitur jintegra ma' klijent importanti fis-suq *downstream* ([1]). Minħabba din il-preżenza fis-suq *downstream*, l-entità amalgamata tista' teskludi l-aċċess għal bażi ta' klijenti suffiċjenti lir-rivali attwali jew potenzjail tagħha fis-suq *upstream* (is-suq tad-dħul) u tnaqqas l-abbiltà tagħhom jew l-inċentiva tagħhom li jikkompetu. Imbagħad, dan jista' jgħolli l-ispejjeż tar-rivali fis-suq *downstream* billi jkun aktar iebsa li jiksbu fornituri tad-dħul taħt prezzijiet u kondizzjonijiet simili bħal fin-nuqqas ta' l-amalgamazzjoni. Dan jista' jippermetti lill-entità amalgamata tistabbilixxi prezzijiet ogħla fis-suq *downstream*. Kwalunkwe effiċjenza li tirriżulta mill-amalgamazzjoni, madankollu, tista' twassal lill-entità amalgamata tnaqqas il-prezz, sabiex b'mod ġenerali ma jkunx hemm impatt negattiv fuq il-klijenti. Biex esklużjoni tal-klijenti twassal għal dannu għall-klijenti, għalhekk mhuwiex meħtieġ li r-rivali tal-kumpanija amalgamata jiġu mġieġħla joħorġu mis-suq. Il-gwida rilevanti hija jekk l-ispejjeż ogħla tad-dħul jwasslux għal prezzjiiet ogħla għall-konsumaturi. Preżentazzjoni grafika ta' dan il-mekkaniżmu tingħata fil-Figura 2.

Figura 2

L-esklużjoni tal-klijenti



59. Fl-evalwazzjoni tal-probabbiltà ta' xenarju ta' esklużjoni antikompetittiva tal-klijenti, il-Kummissjoni teżamina, l-ewwel, jekk l-entità amalgamata jkollhiex l-abbiltà li teskludi l-aċċess għas-swieq *downstream* billi tnaqqas ix-xiri tagħha mir-rivali tagħha fis-suq *downstream*, it-tieni, jekk ikollhiex l-inċentiva li tnaqqas ix-xiri tagħa fis-suq *upstream*, u t-tielet, jekk strateġija ta' l-esklużjoni jkollhiex effett detrimentali sinjifikanti fuq il-konsumaturi fis-suq *downstream* ([2]).

A. L-abbiltà li jiġi eskluż l-aċċess fis-suq downstream

60. Amalgamazzjoni vertikali tista' taffettwa lill-kompetituri fis-suq *upstream* billi żżid l-ispejjeż tagħhom biex jaċċessaw il-klijenti fis-suq *downstream* jew billi tillimita l-aċċess għal bażi sinjifikanti tal-klijenti. L-esklużjoni tal-konsumaturi tista' tieħu bosta forom. Per eżempju, l-entità amalgamata tista' tiddeċiedi li tixtri l-prodotti jew servizzi kollha li teħtieġ mid-diviżjoni tagħha fis-suq *upstream* u, b'riżultat, tista' tieqaf milli tixtri mill-kompetituri tagħha fis-suq *upstream*. Tista' wkoll tnaqqas ix-xiri tagħha mir-rivali fis-suq *upstream*, jew tixtri minn dawk ir-rivali fuq termini inqas favorevoli milli kienet tagħmel fin-nuqqas ta' l-amalgamazzjoni ([3]).

([1]) Ara n-nota 4 għad-definizzjoni ta' "suq *upstream*" u "suq *downstream*".
([2]) Ara eż, il-Każ COMP/M.4389 — WLR/ BST.
([3]) Per eżempju, fil-każijiet li jinvolvu d-distribuzzjoni, l-entità amalgamata tista' tkun inqas probabbli li tagħti aċċess għall-ħwienet tagħha taħt l-istess kondizzjonijiet bħal fin-nuqqas ta' l-amalgamazzjoni.

61. Meta tqis jekk l-entità amalgamata jkollhiex l-abbiltà li teskludi l-aċċess għas-swieq *downstream*, il-Kummissjoni teżamina jekk hemmx biżżejjed alternattivi ekonomiċi fis-suq *downstream* biex ir-rivali fis-suq *upstream* (attwali jew potenzjali) jbigħu il-produzzjoni tagħhom ([1]). Biex l-esklużjoni tal-klijenti tkun tħassib, għandu jkun il-każ li l-amalgamazzjoni vertikali tinvolvi kumpanija li hija klijent importanti b'livell sinjifikanti ta' setgħa tas-suq *downstream* ([2]). Jekk, bil-kuntrarju, hemm bażi suffiċjenti tal-klijenti, fil-preżent jew fil-futur, li x'aktarx idur lejn provdituri indipendenti, il-Kummissjoni x'aktarx ma tqajjimx tħassib tal-kompetizzjoni għal dik ir-raġuni ([3]).

62. L-esklużjoni tal-konsumaturi tista' twassal għal prezzijiet ogħla tad-dħul b'mod partikolari jekk hemm ekonomiji ta' skala jew ta' ambitu sinjifikanti fis-suq tad-dħul jew meta t-talba hija kkaratterizzata b'effetti ta' netwerk ([4]). Huwa l-aktar f'dawn iċ-ċirkostanzi li l-abbiltà tar-rivali fis-suq *upstream* li jikkompetu, kemm jekk huma attwali jew potenzjali, tista' tiġi mfixkla.

63. Per eżempju, l-esklużjoni tal-konsumaturi tista' twassal għal prezzijiet ogħla tad-dħul fejn ir-rivali eżistenti fis-suq *upstream* joperaw fi jew qrib għall-iskala minima effiċjenti. Sa fejn l-esklużjoni tal-konsumaturi u t-telf korrispondenti ta' produzzjoni għar-rivali fis-suq *upstream* iżid l-ispejjeż varjabbli tagħhom tal-produzzjoni, dan jista' jirriżulta fi pressjoni 'l fuq fuq il-prezzijiet li jitolbu lill-klijenti tagħhom li joperaw fis-suq *downstream*.

64. Fil-preżenza ta' l-ekonomiji ta' l-iskala jew ta' l-ambitu, l-esklużjoni tal-klijenti tista' wkoll tagħmel id-dħul fis-suq *upstream* minn entranti potenzjali nieqes mill-attraenza bill tnaqqas b'mod sinjifikanti l-prospetti tad-dhul ta' l-entranti potenzjali. Meta l-esklużjoni tal-klijenti b'mod effettiv jirriżulta fid-deterrenza tad-dħul, il-prezzijiet tad-dħul jistgħu jibqgħu f'livell ogħla milli kien ikun il-każ mod ieħor, u b'hekk tiżdied l-ispiża tal-fornitura tad-dħul lill-kompetituri fis-suq *downstream* tal-kumpanija amalgamata.

65. Barra minn dan, meta l-esklużjoni mill-klijenti primarjament tagħmel impatt fuq il-flussi ta' dħul ta' flus ta' rivali fis-suq *downstream*, tista' b'mod sinjifikanti tnaqqas l-abbiltà u l-inċentiva tagħhom li jinvestu fit-tnaqqis ta' l-ispejjeż, fir-riċerka u l-iżvilupp u fil-kwalità tal-prodotti ([5]). Dan jista' jnaqqas l-abbiltà tagħhom li jikkompetu fit-terminu twil u possibbilment jikkawża l-ħruġ tagħhom mis-suq.

66. Fl-evalwazzjoni tagħha, il-Kummissjoni tista' tqis l-eżistenza ta' swieq differenti li jikkorrispondu għal użi differenti għad-dħul. Jekk parti sostanzjali tas-suq *downstream* huwa eskluż, provditur fis-suq *upstream* jista' jonqos li jilħaq skala effiċjenti u jista' wkoll jopera bi spejjeż akbar fis-suq l-ieħor /swieq l-oħrajn. Konversament, provditur fis-suq *upstream* jista' jkompli jopera b'mod effiċjenti jekk isib użi oħrajn jew swieq sekondarji għad-dħul tiegħu mingħajr ma jħallas spejjeż li huma ogħla b'mod sinjifikanti.

([1]) It-telf tal-kumpanija integrata bħala klijent huwa normalment inqas sinjifikanti jekk ix-xiri ta' dik il-kumpanija qabel l-amalgamazzjoni minn ditti mhux amalgamati huma sehem żgħir tal-bażi disponibbli tal-bejgħ għal dawk id-ditti. F'dak il-każ, huwa aktar probabbli li jkunu disponibbli klijenti alternattivi biżżejjed. Il-preżenza ta' kuntratti esklussivi bejn l-entità amalgamata u ditti oħrajn fis-suq *downstream* tista' tillimita l-abbiltà tar-rivali fis-suq *downstream* li jilħqu volum suffiċjenti ta' bejgħ.

([2]) Ara eż, il-Każ COMP/M.2822 — ENBW/ENI/GVS (2002) fil-punti 54-57.

([3]) Ara eż, il-Każ COMP/M.81 — VIAG/Continental Can (1991), il-punt 51, Ara eż, il-Każ CCOMP/M.4389 — WLR/ BST, il-punti 33-35.

([4]) L-ekonomiji ta' l-iskala jew ta' l-ambitu jeżistu meta żjeda fl-iskala jew fl-ambitu tal-produzzjoni twassal għal tnaqqis fil-medja ta' l-ispejjeż għal kull unità. L-effetti tan-netwerk iseħħu meta l-valur ta' prodott għall-konsumatur jiżdied meta l-ghadd ta' klijenti oħrajn li jużawh ukoll jiżdied. Eżempji jinkludu tagħmir tal-komunikazzjoni, programmi speċifiċi tas-softwer, prodotti li jeħtieġu standardizzazzjoni, u applikazzjonijiet li jġibu flimkien lix-xerrejja u lill-bejjiegħa.

([5]) Provditur tad-dħul eskluż minn klijent importanti jista' jippreferi li jibqa' barra mis-suq jekk ma jilħaqx xi skala minima vijabbli wara l-investiment. Din l-iskala minima vijabbli tista' tinkiseb, madankollu, jekk entrant potenzjali għandu l-aċċess għal bażi akbar tal-konsumaturi inklużi klijenti fi swieq oħrajn rilevanti. Ara l-Każ Nru. COMP/M. 1879 — Boeing/Hughes (2000); il-Każ Nru COMP/M.2978 — Lagardère/Natexis/VUP (2003);

67. Fl-evalwazzjoni tagħha, il-Kummissjoni se tqis, fuq il-bażi ta' l-informazzjoni disponibbli, jekk hemmx kontro-strateġiji effettivi u f'waqthom, sostenibbli maż-żmien, li l-kumpaniji rivali x'aktarx jużaw. Dawn il-kontro-strateġiji jinkludu l-possibbiltà li r-rivali fis-suq *upstream* jiddeċiedu li jipprezzaw b'mod aktar aggressiv biex iżommu l-livelli ta' bejgħ fis-suq *downstream*, sabiex jimmitigaw l-effett ta' l-esklużjoni ([1]).

B. L-inċentiva li jiġi eskluż l-aċċess għas-swieq downstream

68. L-inċentiva ta' l-esklużjoni tiddependi fuq il-livell sa fejn hija profitabbli. L-entità amalgamata tiffaċċja tpattija bejn l-ispejjeż possibbli assoċjati ma' li l-prodotti ma jinkisbux mir-rivali fis-suq *upstream* u l-kisbiet possibbli milli jsir dan, per eżempju għaliex tippermetti lill-entità amalgamata żżid il-prezz fis-swieq fis-suq *upstream* jew fis-swieq *downstream*.

69. L-ispejjeż assoċjati mat-tnaqqis fix-xiri minn forniturі rivali fis-suq *upstream* huma ogħla, meta d-diviżjoni fis-suq *upstream* tal-kumpanija integrata hija inqas effiċjenti mill-forniturі esklużi. Dawn l-ispejjeż huma wkoll ogħla jekk id-diviżjoni fis-suq *upstream* tal-kumpanija amalgamata hija limitata fil-kapaċità jew il-prodotti tar-rivali huma inqas attraenti minħabba d-differenzjament tal-prodotti.

70. L-inċentiva li ssir l-esklużjoni tal-konsumaturi tiddependi fuq l-grad sa fejn id-diviżjoni fis-suq *upstream* tal-kumpanija amalgamata tista' tibbenefika minn livelli ta' prezzijiet possibbilment ogħla fis-suq *upstream* b'riżultat tal-fatt li r-rivali fis-suq *upstream* huma esklużi. L-inċentiva li ssir l-esklużjoni tal-konsumaturi ukoll issir ogħla, aktar ma d-diviżjoni fis-suq *downstream* tal-kumpanija amalgamata tista' tkun mistennija li tgawdi mill-benefiċċji ta' livelli ogħla ta' prezzijiet fis-suq *downstream* li jirriżultaw mill-istrateġija ta' l-esklużjoni. F'dan il-kuntest, akbar ma jkunu l-ishma tas-suq ta' l-operazzjonijiet fis-suq *downstream* tal-kumpanija amalgamata, akbar ma jkun il-bażi tal-bejgħ fuq liem jiġu gawduti marġini akbar ([2]).

71. Meta l-adozzjoni ta' mġieba speċifika mill-entità amalgamata hija pass essenzjali fl-esklużjoni, il-Kummissjoni teżamina kemm l-inċentivi li tiġi adottata din l-imġieba kif ukoll il-fatturi li x'aktarx inaqqsu jew saħansitra jeliminaw lil dawk l-inċentivi, inkluża l-possibbiltà li l-imġieba hija illegali ([3]).

C. L-impatt ġenerali probabbli fuq il-kompetizzjoni effettiva

72. L-esklużjoni tar-rivali fis-suq *upstream* jista' jkollha impatt avvers fis-suq *downstream* u tagħmel ħsara lill-konsumaturi. Billi ċċaħħad aċċess kompetittiv għal bażi sinjifikanti ta' klijenti għall-prodotti tar-rivali (fis-suq *upstream*) esklużi, l-amalgamazzjoni tista' tnaqqas l-abilità li jikkompetu fil-futur prevedibbli. B'riżultat, ir-rivali fis-suq *downstream* x'aktarx ikunu fi żvantaġġ kompetittiv, per eżempju fil-forma ta' spejjeż ta' dħul akbar. Min-naħa tiegħu, dan jista' jippermetti lill-kumpanija amalgamata bi profitt tgħolli l-prezzijiet jew tnaqqas il-produzzjoni ġenerali fis-suq *downstream*.

([1]) Per eżempju, fil-Każ COMP/M.1879 — Boeing/Hughes (2000), il-punt 100, ġie meqjus, fost bosta fatturi oħrajn, li minħabba l-ispejjeż fissi għoljin involuti, jekk il-forniturі kompetituri tal-vetturi li jitfgħu s-satelliti kellhom isiru inqas kompetittivi fl-ispejjeż relativament għall-entità amalgamata, jippruvaw inaqqsu l-prezzijiet sabiex isalvaw il-volum u jiġbru lura għall-inqas parti mill-ispejjeż fissi tagħhom minflok jaċċettaw li jitilfu kuntratt u jsofri telf akbar. L-impatt l-aktar probabbli għalhekk ikun kompetizzjoni akbar fil-prezzijiet minflok monopolizzazzjoni tas-suq.

([2]) Jekk il-kumpanija integrata vertikalment tipprovdi d-dħul lill-kompetituri fis-suq *downstream*, hija tista' tibbenefika mill-abilità li tespandi l-bejgħ, jew skond il-każ, li żżid il-prezzijiet tad-dħul.

([3]) L-analiżi ta' dawn l-inċentivi ssir kif stabbilit fil-paragrafu 46 hawn fuq.

73. L-impatt negattiv fuq il-konsumaturi jista' jieħu xi żmien biex jimmaterjalizza meta l-impatt primarju ta' l-esklużjoni tal-konsumaturi huwa fuq il-flussi ta' dħul ta' flus tar-rivali fis-suq *upstream*, li jnaqqas l-inċentivi tagħhom li jagħmlu l-investimenti fit-tnaqqis ta' l-ispejjeż, fil-kwalità tal-prodotti jew f'dimensjonijiet oħrajn kompetittivi sabiex jibqgħu kompetittivi.

74. Huwa biss meta sehem kbir biżżejjed tal-produzzjoni fis-suq *upstream* huwa affettwat mit-tnaqqis fid-dħul ta'flus li jirriżulta mill-amalgamazzjoni vertikali li l-amalgamazzjoni tista' b'mod sinjifikanti tfixkel il-kompetizzjoni effettiva fis-suq *upstream*. Jekk jibqa'għadd ta' kompetituri fis-suq *upstream* li mhumiex affettwati, il-kompetizzjoni minn dawk il-kumpaniji tista' tkun biżżejjed biex trażżan il-prezzijiet milli jogħlew fis-suq *upstream* u, b'konsengwenza, fis-suq *downstream*. Kompetizzjoni biżżejjed minn dawn il-kumpaniji mhux esklużi fis-suq *upstream* teħtieġ li ma jiffaċċjawx ostakoli għall-espansjoni, eż, permezz ta' limiti ta' kapaċità jew differenzjament tal-prodotti ([1]). Meta t-tnaqqis tal-kompetizzjoni fis-suq *upstream* taffettwa sehem sinjifikanti tal-produzzjoni fis-suq *downstream*, l-amalgamazzjoni x'aktarx, bħall-esklużjoni tad-dħul, tirriżulta fi żieda sinjifikanti fil-livell tal-prezzijiet fis-suq *downstream* u, għalhekk, li tfixkel b'mod sinjifikanti l-kompetizzjoni ([2]).

75. Il-kompetizzjoni effettiva fis-suq *upstream* tista' wkoll tiġi mfixkla b'mod sinjifikanti billi jiżdiedu l-ostakoli għad-dħul lil kompetituri potenzjali. Dan jista' jkun il-każ b'mod partikolari jekk l-esklużjoni tal-konsumaturi tista' timplika għal dawn il-kompetituri potenzjali l-bżonn ta' dħul kemm fis-suq *downstream* kif ukoll fis-suq *upstream* sabiex jikkompetu b'mod effettiv fiż-żewġ swieq. F'dan il-kuntest, l-esklużjoni tal-konsumaturi u l-esklużjoni tad-dħul jistgħu jkunu parti mill-istess strateġija. It-tħassib li jsiru l-ostakoli għad-dħul huwa partikolarment rilevanti f'dawk l-industriji li qed jinfetħu għall-kompetizzjoni jew li huma mistennija li jagħmlu dan fil-futur prevedibbli ([3]).

76. L-effett fuq il-kompetizzjoni għandu jiġi evalwat fid-dawl ta' fatturi kontrobilanċjanti bħall-preżenza ta' poter kontrobilanċjenti tax-xerrej ([4]) jew il-probabbiltà li d-dħul jibqa' kompetittiv fis-suq lil fuq jew fis-suq *downstream* ([5]).

77. Barra minn dan, l-effett fuq il-kompetizzjoni teħtieġ li jiġi evalwat fid-dawl ta' effiċjenzi sostanzjati mill-partijiet li qed jamalgamaw ([6]).

B. **Effetti oħrajn mhux ikkoordinati**

78. L-entità amalgamata tista', billi tintegra b'mod vertikali, tikseb aċċess għal informazzjoni kummerċjalment sensittiva dwar l-attivitajiet fi-rivali fis-suq *upstream* jew fis-suq *downstream* ([7]). Per eżempju, billi ssir fornitur ta' kumpanija fis-suq *downstream*, kumpanija tista' tikseb informazzjoni kritika, li tippermettiha tipprezza b'mod inqas aggressiv fis-suq *downstream* bi ħsara għall-konsumaturi ([8]). Tista' wkoll tqieġħed lill-kompetituri fi żvantaġġ kompetittiv, u b'hekk tiddiswadihom milli jidħlu fi jew jespandu fis-suq.

([1]) L-analiżi ta' dawn l-effetti mhux ikkoordinati hija simili għall-analiżi ta' l-effetti mhux ikkoordinati fl-amalgamazzjonijiet orizzontali (Ara t-Taqsima IV ta' l-Avviż dwar l-Amalgamazzjonijiet Orizzontali).

([2]) Ara l-paragrafu 47-50 ta' dan l-Avviż.

([3]) Huwa importanti li l-miżuri regolatorji mmiratu li jifthu suq ma jsirux ineffettivi minħabba li jamalgamaw kumpaniji monopolisti li huma relatati b'mod vertikali, u b'hekk jagħlqu s-suq jew jeliminaw lil xkulxin bħala entranti potenzjali.

([4]) Ara t-Taqsima V dwar il-poter kontrobilanċjanti tax-xerreja fl-Avviż dwar l-Amalgamazzjonijiet Orizzontali.

([5]) Ara t-Taqsima VI dwar id-dħul fl-Avviż dwar l-Amalgamazzjonijiet Orizzontali.

([6]) Ghall-evalwazzjoni ta' l-effiċjenzi f'kuntest vertikali, ara t-Taqsima V.A.1 hawn fuq.

([7]) Ara l-Każ COMP/M.1879 — Boeing/Hughes (2000); il-Każ COMP/M.2510 — Cendant/Galileo, il-punt 37; il-Każ COMP/M.2738 — Gees/Unison, il-punt 21; il-Każ COMP/M.2925 — Charterhouse/CDC/Telediffusion de France, il-punt 37-38; il-Każ COMP/M.3440 — EDP/ENL/GDP (2004).

([8]) Ara eż, il-Każ COMP/M.2822 — ENBW/ENI/GVS (2002), fil-punt 56; il-Każ COMP/M.3440 — EDP/ENI/GDP (2004), punti 368-379; Case COMP/M.3653 — Siemens/VA Tech (2005) punti 159-164,.

C. **L-effetti kkoordinati**

79. Kif stabbilit fit-Taqsima IV ta' l-Avviż dwar l-Amalgamazzjonijiet Orizzontali, amalgamazzjoni tista' tibdel in-natura tal-kompetizzjoni b'tali mod li d-ditti li qabel ma kinux qed jikkoordinaw l-imġieba tagħhom, għandhom probabbiltà b'mod sinjifikanti akbar li jikkoordinaw u jżidu l-prezzijiet jew mod ieħor ifixklu l-kompetizzjoni effettiva. Amalgamazzjoni tista' wkoll tagħmel il-koordinazzjoni aktar faċli, aktar stabbli jew aktar effettiva għal ditti li kienu qed jikkoordinaw qabel l-amalgamazzjoni ([1]).

80. Il-koordinazzjoni tas-suq tista' ssir meta l-kompetituri jistgħu, mingħajr ma jidħlu fi ftehim jew jirrikorru għal prattika miftiehma fis-sens ta' l-Artikolu 81 tat-Trattat, jidentifikaw u jsegwu għanijiet komuni, u jevitaw il-pressjoni kompetittiva reċiproka normali b'sistema koerenti ta' theddid impliċitu. F'ambjent normali kompetittiv, kull kumpanija l-ħin kollu għandha inċentiva li tikkompeti. Din l-inċentiva fl-aħħar mill-aħħar hija dak li żżomm il-prezzijiet baxxi, u dak li trażżan lill-kumpaniji milli flimkien jimmassimizzaw il-qligħ tagħhom. Il-koordinazzjoni tinvolvi tluq mill-kondizzjonijiet kompetittivi normali għaliex id-ditti jistgħu iżommu l-prezzijiet ogħla milli jagħti l-massimizzazzjoni tal-qligħ fit-terminu l-qasir. Il-kumpaniji jżommu lura milli jnaqqsu l-prezzijiet għoljin mitluba mill-kompetituri tagħhom b'mod ikkoordinat għaliex jantiċipaw li din l-imġieba tqiegħed fil-periklu l-koordinazzjoni fil-futur. Biex ikun hemm effetti kkoordinati, il-qligħ li jistgħu jagħmlu l-kumpaniji billi jikkompetu b'mod aggressiv fit-terminu l-qasir ("jiddevjaw") għandu jkun inqas mit-tnaqqis mistenni fid-dħul li din l-imġieba timplika fit-terminu itwal, għaliex tkun mistennija li timplika fit-terminu itwal, għaliex tkun mistennija li ġġiegħel reazzjoni aggressiva mill-kompetituri ("kastig").

81. Il-koordinazzjoni aktar probabbli li toħroġ fis-swieq fejn huwa relativament sempliċi li wieħed jilħaq ftehim komuni dwar it-termini tal-koordinazzjoni. Barra minn dan, tliet kondizzjonijiet huma meħtieġa biex il-koordinazzjoni tkun sostenibbli. L-ewwel, id-ditti li jikkoordinaw għandhom ikunu jistgħu jimmonitorjaw sa livell suffiċjenti jekk it-termini tal-koordinazzjoni humiex qed jiġu osservati. It-tieni, id-dixxiplina teħtieġ li hemm xi forma ta' mekkaniżmu ta' deterrent li jista' jiġi attivat jekk tiġi skoperta d-devjazzjoni. It-tielet, ir-reazzjonijiet tal-barranin, bħal kompetituri kurrenti u futuri li mhux qed jipparteċipaw fil-koordinazzjoni, kif ukoll tal-konsumaturi, m'għandiex tkun tista' tqiegħed fil-periklu r-riżultati mistennija mill-koordinazzjoni ([2]).

L-ilħuq tat-termini tal-koordinazzjoni

82. Amalgamazzjoni vertikali tista' tagħmilha aktar faċli għall-kumpaniji fis-suq *upstream* jew fis-suq *downstream* biex jilħqu ftehim komuni dwar it-termini tal-koordinazzjoni. ([3])

83. Per eżempju, fejn amalgamazzjoni vertikali twassal għall-esklużjoni ([4]), tirriżulta fi tnaqqis ta' l-għadd ta' kompetituri effettivi fis-suq. B'mod ġenerali, tnaqqis fl-għadd tal-parteċipanti jagħmilha aktar faċli li ssir kkoordinazzjoni fost il-bqija tal-parteċipanti fis-suq.

84. L-amalgamazzjonijiet vertikali jistgħu wkoll iżidu l-livell ta' simmetrija bejn il-kumpaniji attivi fis-suq ([5]). Dan jista' jżid il-probabbiltà tal-koordinazzjoni billi jagħmilha aktar faċli li jintlaħaq ftehom komuni dwar it-termini tal-koordinazzjoni. Bl-istess mod, l-integrazzjoni vertikali tista' żżid il-livell ta' trasparenza tas-suq, u tagħmilha aktar faċli li ssir kkoordinazzjoni fost il-bqija tal-parteċipanti fis-suq.

85. Barra minn dan, amalgamazzjoni tista' tinvolvi l-eliminazzjoni ta' kumpaniji li jaġixxu għal rashom fis-suq. Kumpanija li taġixxi għal rasha hija fornitur li għar-raġunijiet tiegħu stess mhuwiex ippreparat li jaċċetta r-riżultat tal-koordinazzjoni u għalhekk iżomm il-kopmpetizzjoni aggressiva. L-integrazzjoni vertikali tal-kumpanija li taġixxi għal rasha tista' tibdel l-inċentivi tiegħu sa tali punt li l-koordinazzjoni ma tibqax imrażżna.

([1]) Ara l-Każ COMP/M.3101 — Accor/Hilton/Six Continents, punti 23-28.
([2]) Ara l-Każ T-342/99, Airtours v il-Kummissjoni, [2002] ECR II-2585, paragrafu 62.
([3]) Ara eż, il-Każ COMP/M.3314 — Air Liquide/ Messer Targets, punti 91-100.
([4]) L-esklużjoni tkun trid tintwera mill-Kummissjoni skond il-Parti A ta' din it-taqsima.
([5]) Ara l-Każ COMP/M.2389 — Shell/DEA; il-Każ COMP/M.2533 — BP/EON. Alternattivament, l-integrazzjoni vertikali tista' wkoll tnaqqas il-livell ta' simmetrija bejn il-kumpaniji attivi fis=suq, u b'hekk tagħmel il-koordinazzjoni aktar diffiċili.

Il-monitoraġġ tad-devjazzjonijiet

86. L-integrazzjoni vertikali tista' tiffaċilita l-koordinazzjoni billi żżid il-livell tat-trasparenza fis-suq bejn il-kumpaniji permezz ta' aċċess għal informazzjoni sensittiva dwar rivali jew billi tagħmilha aktar faċili li jiġu mmonitorjati l-prezzijiet. Dan it-tħassib jista' jqum, per eżempju, jekk il-livell ta' trasparenza tal-prezzijiet huwa ogħla fis-suq *downstream* milli f'dak *upstream*. Dan jista' jkun il-każ meta l-prezzijiet lill-konsumaturi finali huma pubbliċi, filwaqt li t-tranżazzjonijiet fis-suq intermedju huma kunfidenzjali. L-integrazzjoni vertikali tista' tagħti lill-produtturi fis-suq *upstream* kontroll fuq il-prezzijiet finali u għalhekk jimmonitorjaw id-devjazzjonijiet b'mod aktar effettiv.

87. Meta twassal għall-esklużjoni, amalgamazzjoni vertikali tista' wkoll tinduċi tnaqqis fl-għadd ta' kompetituri effettivi f'suq. Tnaqqis fl-għadd ta' parteċipanti jista' jagħmilha aktar faċili li jiġu mmonitorjati l-azzjonijiet ta' xulxin fis-suq.

Mekkaniżmi deterrenti

88. L-amalgamazzjonijiet vertikali jistgħu jaffettwaw l-inċentivi tal-kumpaniji li qed jikkoordinaw biex iħarsu t-termini tal-koordinazzjoni. Per eżempju, kumpanija integrata vertikalment tista' tkun f'pożizzjoni li b'mod aktar effettiv tikkastiga lill-kumpaniji kompetituri meta jagħżlu li jiddevjaw mit-termini tal-koordinazzjoni, għaliex la hija klijent kruċjali u lanqas ma hija fornitriċi tagħhom ([1]).

Ir-reazzjonijiet tal-barranin

89. L-amalgamazzjonijiet vertikali jistgħu jnaqqsu l-ambitu biex il-barranin jiddestabilizzaw il-koordinazzjoni billi jżidu l-ostakoli għad-dħul fis-suq jew mod ieħor jillimitaw l-abilità li jikkompetu min-naħa tal-barranin għall-koordinazzjoni.

90. Amalgamazzjoni vertikali tista' wkoll tinvolvi l-eliminazzjoni ta' xerrej li jfixkel fis-suq. Jekk il-kumpaniji fis-suq *upstream* jaraw il-bejgħ lil xerrej partikolari bħala importanti biżżejjed, jistgħu jkollhom it-tentazzjoni li jiddevjaw mit-termini tal-koordinazzjoni bi sforz li jiġi żgurat il-kummerċ tagħhom. B'mod simili, xerrej kbir jista' jkun jista' jagħmel tentazzjoni lill-kumpaniji li jikkoordinaw biex dawn jiddevjaw minn dawn it-termini billi jikkonċentraw fuq ammont kbir tar-rekwiżiti tiegħu fuq fornitur wieħed jew billi joffru kuntratti fit-terminu t-twil. Il-kisba ta' dan ix-xerrej tista' żżid ir-riskju tal-koordinazzjoni f'suq.

V. L-AMALGAMAZZJONIJIET KONGLOMERATI

91. L-amalgamazzjonijiet konglomerati huma amalgamazzjonijeit bejn kumpaniji li huma f'relazzjoni li la hija għal kollox orizzontali (bħala kompetituri fl-istess suq rilevanti) u lanqas vertikali (bħala forituri u klijenti). Fil-prattika, il-foku huwa fuq l-amalgamazzjonijiet bejn kumpaniji li huma attivi fi swieq relatati qrib ([2]) (eż, amalgamazzjonijiet li jinvolvu l-forituri ta' prodotti komplementarji jew ta' prodotti li jappartjenu għal firxa ta' prodotti li normalment jinxtraw mill-istess għadd ta' klijenti għall-istess użu finali).

92. Filwaqt li huwa rikonoxxut li l-amalgamazzjonijiet konglomerati fil-parti l-kbira taċ-ċirkostanzi ma jwasslu għal ebda problema tal-kompetizzjoni, f'xi każijiet speċifiċi jista' jkun hemm ħsara għall-kompetizzjoni. Fl-evalwazzjoni tagħha, il-Kummissjoni tqis kemm l-effetti possibbli anti-kompetittivi li jirriżultaw mill-amalgamazzjonijiet konglomerati kif ukoll l-effetti possibbli pro-kompetittivi li jirriżultaw mill-effiċjenzi sostanzjati mill-partijiet.

([1]) Per eżempju, f'każ li wara ġie rtirat (il-Każ COMP/M.2322 — CRH/Addtek (2001)) l-amalgamazzjoni kienet tinvolvi fornitur dominanti fis-suq *upstream* tas-siment u produttur fis-suq *downstream* ta' prodotti tal-konkrit magħmul blokki lesti biex jintużaw fil-bini, it-tnejn attivi fil-Finlandja. Il-Kummissjoni provviżorjament kienet tal-fehma fil-proċedura amministrattiva li l-entità l-ġdida se tkun tista' tiddixxiplina lir-rivali fis-suq *downstream* billi tuża l-fatt li jkunu dipendenti ħafna fuq il-provvisti tas-siment ta' l-entità amalgamata. B'riżultat, l-entità fis-suq *downstream* tkun tista' żżid il-prezz tal-prodotti tagħha tal-konkrit magħmul blokki lesti biex jintużaw fil-bini filwaqt li tiżgura li l-kompetizzjoni ssegwi dawn iż-żjidiet fil-prezz u tevita li jirrikorru għall-importazzjonijiet tas-siment mill-istati Baltiċi u mir-Russja.

([2]) Ara wkoll il-Formola CO, Taqsima IV, 6.3 (c).

A. **L-effetti mhux ikkoordinati: l-esklużjoni**

93. It-tħassib ewlieni fil-kuntest ta' l-amalgamazzjonijiet konglomerati huwa dak ta' l-esklużjoni. Il-kombinazzjoni tal-prodotti fis-swieq relatati tista' tagħti lill-entità amalgamata l-abilità u l-inċentiva li tilleva ([1]) pożizzjoni qawwija fis-suq minn suq għall-ieħor permezz ta' rbit jew ġbir ta' prodotti, jew prattika oħra ta' esklużjoni ([2]). L-irbit u l-ġbir fihom infushom huma prattika komuni li spiss m'għandhom ebda konsegwenza antikompettiva. Il-kumpaniji jwettqu l-irbit u l-ġbir sabiex jipprovdu lill-konsumaturi tagħhom bi prodotti jew offerti aħjar b'modi li huma effettivi għall-ispejjeż. Madankollu, f'xi ċirkostanzi, din il-prattika twassal għal tnaqqis fl-abilità jew l-inċentiva tar-rivali attwali jew potenzjali li jikkompetu. Dan jista' jnaqqas il-pressjoni kompetittiva fuq l-entità amalgamata u jippermettiha żżid il-prezzijiet.

94. Fl-evalwazzjoni tal-probabbiltà ta' dan ix-xenarju, il-Kummissjoni teżamina, l-ewwel, jekk il-kumpanija amalgamata jkollhiex l-abbiltà li teskludi lir-rivali tagħha, it-tieni jekk ikollhiex l-inċentiva ekonomika li tagħmel dan, u t-tielet jekk strateġija ta' l-esklużjoni jkollhiex effett detrimentali sinjifikanti fuq il-kompetizzjoni, u b'hekk tagħmel ħsara lill-konsumaturi ([3]). Fil-prattika, dawn il-fatturi spiss jiġu eżaminati flimkien għaliex huma marbutin ma' xulxin fil-qrib.

A. *L-abilità li ssir l-esklużjoni*

95. Il-mod l-aktar immedjat li bih l-entità amalgamata tista' tkun tista' tuża s-setgħa fis-suq tagħha f'suq wieħed biex teskludi lill-kompetituri f'suq ieħor huwa billi tikkondizzjona l-bejgħ b'tali mod li jorbot il-prodotti fis-swieq separati flimkien. Dan isir l-aktar direttament permezz ta' l-irbit jew tal-ġbir.

96. "Il-ġbir" normalment jirreferi għall-mod kif il-prodotti huma offruti u pprezzati mill-entità amalgamata. Wieħed jista' jiddistingwi f'dan ir-rigward bejn il-ġbir pur u dak imħallat. Fil-każ ta' l-irbit pur il-prodotti jinbiegħu flimkien biss fi proporzjonijiet fissi. Fil-ġbir imħallat il-prodotti jinbiegħu wkoll separatament, iżda s-somma tal-prezzijiet separat huwa ogħla minn dak tal-prezz tal-prodotti miġbura. ([4]) Ir-roħs, meta huwa dipendenti fuq ix-xiri ta' prodotti oħrajn, jista' jitqies li huwa forma ta' ġbir imħallat.

97. "L-irbit" normalment jirreferi għal sitwazzjonijiet fejn il-klijenti li jixtru prodott wieħed (il-prodott li jorbot) huma meħtieġa li wkoll jixtru prodott ieħor mill-produttur (il-prodott marbut). L-irbit jista' jsir fuq bażi teknika jew kuntrattwali. Per eżempju, l-irbit tekniku jseħħ meta l-prodott li jorbot huwa ddiżinjat b'tali mod li jaħdem biss mal-prodott marbut (u mhux ma' l-alternattivi offruti mill-kompetituri). L-irbit kuntrattwali jimplika li l-klijent meta jixtri l-prodott li jorbot jintrabat li jixtri biss il-prodott marbut (u mhux l-alternattivi offruti mill-kompetituri).

98. Il-karatteristiċi speċifiċi tal-prodotti jistgħu jkunu rilevanti biex jiġi ddeterminat jekk xi wieħed minn dawn il-mezzi ta' l-irbit tal-bejgħ bejn is-swieq separati huwiex disponibbli lill-entità amalgamata. Per eżempju, il-ġbir pur x'aktarx li ma jkunx possibbli jekk il-prodotti mhux qed jinxtraw fl-istess ħin jew mill-istess klijenti ([5]). B'mod simili l-irbit tekniku huwa biss għażla f'xi industriji.

99. Sabiex tkun tista' teskludi lill-kompetituri, l-entità l-ġdida għandu jkollha livell sinjifikanti ta' poter fis-suq li mhux neċessarjament jammonta għal dominanza, f'wieħed mis-swieq ikkonċernati. L-effetti tal-ġbir jew ta' l-irbit jistgħu jkunu mistennija li jkunu sostanzjali biss meta l-prodotti ta' għall-inqas

([1]) Ma hemm ebda definissjoni rċevuta għal"illevar" iżda, f'sens newtrali, timplika li wieħed ikun jista' jżid il-bejgħ ta' prodott f'suq wieħed (is-"suq marbut" jew is-"suq miġbur"), minħabba l-pożizzjoni qawwija fis-suq tal-prodott li huwa marbut miegħu jew miġbur miegħu ("is-suq li jorbot" jew "is-suq li jillieva").

([2]) Dawn il-kunċetti huma definiti aktar 'l isfel.

([3]) Ara l-Każ T-210/01, General Electric v Il-Kummissjoni, [2005], ECR II-000, paragrafi 327, 362-363, 405; il-Każ COMP/M.3304 — GE/Amersham (2004), il-punt 37, u l-Każ COMP/M.4561 — GE/Smiths Aerospace, punti 116-126.

([4]) Id-distinzjoni bejn il-ġbir imħallat u l-ġbir pur mhijiex neċessarjametn ċara. Il-ġbir imħallat jista' jkun qrib tal-ġbir pur meta l-prezzijiet mitluba għall-offerti individwali huma għoljin.

([5]) Ara eż, il-Każ COMP.M.3304 — GE/Amersham (2004), il-punt 35.

waħda mill-partijiet li qed jamalgamaw jitqiesu minn ħafna konsumaturi bħala partikolarment importanti u hemm ftit alternattivi rilevanti għal dak il-prodott, eż, minħabba d-differenzjament tal-prodott ([1]) jew limiti tal-kapaċità min-naħa tar-rivali.

100. Barra minn hekk, biex l-esklużjoni tkun ta' ħassib potenzjali għandu jkun il-każ li hemm ġabra kbira komuni ta' klijenti għall-prodotti individwali kkonċernati. Aktar ma l-konsumaturi għandhom tendenza jixtru ż-żewġ prodotti (minflok wieħed biss mill-prodotti), aktar ma t-talba għall-prodotti individwali tista' tkun affettwata permezz tal-ġbir jew l-irbit. Din il-korrispondenza fl-imġieba tax-xiri aktar hija probabbli li tkun sinjifikanti meta l-prodotti in kwistjoni huma komplementarji.

101. B'mod ġenerali, l-effetti ta' l-esklużjoni tal-ġbir u ta' l-irbit x'aktarx ikunu aktar pronunzjati f'industriji fejn hemm l-ekonomiji ta' l-iskala u t-tendenzi tat-talba fi kwalunkwe żmien għandhom implikazzjonijiet dinamiċi għall-kondizzjonijiet tal-fornitura fis-suq fil-futur. B'mod notevoli, fejn fornitur ta' oġġetti komplementarji għandu s-setgħa fis-suq f'wieħed mill-prodotti (prodott A), id-deċiżjoni li jinġabru jew li jintrabtu tista' tirriżulta f'inqas bejgħ mill-forituri mhux integrati tal-prodott komplementarju (prodott B). Jekk imbagħad hemm esternalitajiet tan-netwerk involuti ([2]) dan b'mod sinjifikanti jnaqqas l-ambitu ta' dawn ir-rivali li jespandu l-bejgħ tal-prodott B fil-futur. Alternattivament, fejn id-dħul fis-suq għall-prodott komplementarju huwa kkontemplat minn entranti potenzjali, id-deċiżjoni tal-ġbir mill-entità amalgamata jista' jkollha l-effett li trażżan dan id-dħul. Id-disponibbiltà limitata ta' prodotti komplementarji ma' liem issir kombinazzjoni tista', mill-parti tagħha, tiskoraġġixxi lill-entranti potenzjali milli jidħlu fis-suq A.

102. Jista' wkoll jiġi osservat li l-ambitu ghall-esklużjoni għandu tendenza li jkun iżgħar meta l-partijiet li qed jamalgamaw ma jistgħux jintrabtu li jagħmlu l-istrateġija ta' l-irbit jew tal-ġbir tagħhom waħda li ddum, per eżempju permezz ta' rbit jew ġbir tekniku li huwa għoli biex jitreġġa' lura.

103. Fl-evalwazzjoni tagħha, il-Kummissjoni tqis, fuq il-bażi ta' l-informazzjoni disponibbli, jekk hemmx kontro-strateġiji effettivi u f'waqthom li jistgħu jużaw il-kumpaniji rivali. Eżempju bħal dan huwa meta strateġija tal-ġbir tiġi meġħluba minn kumpaniji ta' prodott wieħed li jikkombinaw l-offerti tagħhom sabiex jagħmluhoma aktar attraenti għall-konsumaturi ([3]). Imbagħad il-ġbir anqas huwa probabbli li jwassal ghall-esklużjoni jekk kumpanija fis-suq tixtri l-prodotti miġbura u tbiġħhom mill-ġdid bi qligħ mhux marbuta. Barra minn dan, ir-rivali jistgħu jiddeċiedu li jipprezzaw b'mod aktar aggressiv biex iżommu s-sehem tas-suq, u b'hekk itaffu l-effett ta' l-esklużjoni ([4]).

104. Il-klijenti jista' jkollhom inċentiva qawwija li jixtru l-varjetà tal-prodotti kkonċernati minn ghajn wieħed (*one-stop-shopping*) minflok minn bosta forituri, eż, ghaliex jiffrankaw l-ispejjeż tat-tranżazzjoni. Il-fatt li l-entità amalgamata jkollha varjetà kbira jew portafoll kbir ta' prodotti minnu nnifsu ma jqajjimx tħassib tal-kompetizzjoni ([5]).

B. *L-inċentiva ta' l-esklużjoni*

105. L-inċentiva li jiġu esklużi r-rivali permezz ta' ġbir jew irbit tiddependi fuq il-grad sa fejn din l-istrateġija hija profitabbli. L-entità amalgamata tiffaċċja tpattija bejn l-ispejjeż possibbli assoċjati mal-ġbir jew l-irbit tal-prodotti tagħha u l-kisbiet possibbli mill-espansjoni ta' l-ishma tas-suq fis-suq jew swieq konċernat(i), jew skond il-każ, li jkunu jistgħu jgħollu l-prezz f'dak is-suq/dawk is-swieq minħabba s-setgħa tagħhom fis-suq.

([1]) Per eżempju, fil-kuntest ta' prodotti bil-marka, b'mod partikolari l-prodotti importanti kultant huma mesmmija bħala prodotti 'li jridu jinħażnu'. Ara eż, il-Każ COMP/M.3732 — Procter&Gamble/Gillette (2005), il-punt 110.

([2]) Fejn prodott ikollu esternalitajiet tan-netwerk, dan ifisser li l-klijenti jew il-prodotturi jiksbu benefiċċju mill-fatt li klijenti jew produtturi oħrajn qed jużaw l-istess prodotti wkoll. Eżempji jinkludu t-tagħmir tal-komunikazzjoni, programmi speċifiċi tas-softwer, prodotti li jieħtieġu l-istandardizzazzjoni u l-applikazzjonijiet li jiġbru flimkien lix-xerrejja u lill-bejjiegħa.

([3]) Ara eż, il-Każ COMP/M.3304 — GE/Amersham (2004), il-punt 39.

([4]) Ara eż, il-Każ COMP/M.1879 — Boeing/Hughes (2000), il-punt 100; il-Każ COMP/M.3304 — GE/Amersham (2004), il-punt 39. It-telf ta' dħul ta' flus li jirriżulta jista', madankollu, f'xi ċirkostanzi jkollu impatt fuq l-abbiltà tar-rivali li jikkompetu. Ara t-Taqsima C.

([5]) Ara eż, il-Każ COMP/M.2608 — INA/ FAG, il-punt 34

106. Il-ġbir pur u l-irbit jistgħu jimplikaw telf għall-kumpanija amalgamata nfisha. Per eżempju, jekk għadd sinjifikanti ta' klijenti mhumiex interessati li jixtru l-ġabra, iżda jippreferu jixtru prodott wieħed biss (eż, il-prodott użat biex isir l-illevar), il-bejgħ ta' dak il-prodott (kif jinsab fil-ġabra) jista' jonqos sew. Barra minn dan, it-telf fuq il-prodott li jillieva jista' jseħħ fejn il-klijenti li, qabel l-amalgamazzjoni, kienu iħalltu l-prodott li jillieva ta' parti li qed tamalgama ma' prodott ta' kumpanija oħra, jiddeċiedu li jixtru l-ġabra offruta mir-rivali jew li ma jibqgħux jixtru ([1]).

107. F'dan il-kuntest jista' għalhekk ikun rilevanti li jiġi evalwat il-valur relattiv tal-prodotti differenti. Per eżempju, mhuwiex probabbli li l-entità amalgamata tkun ippreparata li tirrinunzja l-bejgħ f'suq wieħed ta' ħafna profit sabiex tikseb l-ishma tas-suq f'suq ieħor fejn id-dħul tal-flus huwa relativament żgħir u l-qligħ huwa modest.

108. Iżda d-deċiżjoni tal-ġbir u l-irbit tista'wkoll iżżid il-qligħ billi żżid il-poter fis-suq fis-suq tal-prodotti marbutin, u tħares il-poter tas-suq fis-suq tal-prodotti li jorbtu, jew taħlita tat-tnejn (ara t-Taqsima C hawn taħt).

109. Fl-evalwazzjoni tagħha ta' l-inċentivi probabbli tal-kumpanija amalgamata, il-Kummissjoni tista' tqis fatturi oħrajn bħall-istruttura tal-proprjetà ta' l-entità amalgamata ([2]), it-tip ta' strateġiji adottati fis-suq fl-imgħoddi jew il-kontenut ta' dokumenti strateġiċi interni bħall-pjanijiet kummerċjali.

110. Meta l-adozzjoni ta' mġieba speċifika mill-entità amalgamata hija pass essenzjali fl-esklużjoni, il-Kummissjoni teżamina l-inċentivi li tiġi adottata din l-imġieba u l-fatturi li x'aktarx inaqqsu, jew anke jeliminaw, dawk l-inċentivi, inkluża l-possibbiltà li l-imġieba hija illegali ([3]).

C. *L-impatt ġenerali probabbli fuq il-prezzijiet u l-għażla*

111. Il-ġbir jew l-irbit jistgħu jirriżultaw fi tnaqqis sinjifikanti tal-prospetti tal-bejgħ li jiffaċċjaw ir-rivali b'komponent wieħed fis-suq. It-tnaqqis fil-bejgħ mill-kompetituri mhuwiex fih innifsu jew minnu nnifsu problema. Iżda, f'industriji partikolari, jekk dan it-tnaqqis huwa sinjifikanti biżżejjed, jista' jwassal għal tnaqqis fl-abbiltà jew l-inċentiva tar-rivali li jikkompetu. Dan jista' jippermetti lill-entità amalgamata tikseb sussegwentament is-setgħa fis-suq (fis-suq għall-prodott marbut jew miġbur) u/jew li żżomm is-setgħa fis-suq (fis-suq għall-prodott li jorbot jew li jillieva).

112. B'mod partikolari, il-prattika ta'l-esklużjoni tista' trażżan id-dħul minn kompetituri potenzjali. Jistgħu jagħmu dan għal suq speċifiku billi jnaqqsu l-prospetti tal-bejgħ għar-rivali potenzjali f'dak is-suq sa livell taħt l-iskala minima vijabbli. Fil-każ ta' prodotti komplementarji, it-tfixkil tad-dħul f'suq wieħed permezz ta' ġbir jew irbit jista' wkoll jippermetti lill-entità amalgamata tfixkel id-dħul f'suq ieħor jekk il-ġbir jew l-irbit iġieġħel lill-kompetituri potenzjali jidħlu fiż-żewġ swieq tal-prodotti fl-istess ħin minflok ma jidħlu f'wieħed minnhom biss jew jidħlu fihom wieħed wara l-ieħor. Dan ta' l-aħħar jista' jkollu impatt sinjifikanti b'mod partikolari f'dawk l-industriji fejn it-tendenza tat-talba fi kwalunkwe ħin għandha implikazzjonijiet dinamiċi għall-kondizzjonijiet tal-fornitura fis-suq fil-futur.

113. Huwa biss meta sehem kbir biżżejjed tal-produzzjoni fis-suq huwa affettwat mill-esklużjoni li tirriżulta mill-amalgamazzjoni li l-amalgamazzjoni tista' tfixkel b'mod sinjifikanti lill-kompetizzjoni effettiva. Jekk jifdal parteċipanti effettivi bi prodott wieħed f'wieħed mis-swieq, x'aktarx li l-kompetizzjoni ma tiddeterjorax wara amalgamazzjoni konglomerata. L-istess jgħodd meta jifdal ftit rivali bi prodott wieħed, iżda dawn għandhom l-abbiltà u l-inċentiva li jespandu l-produzzjoni.

([1]) Ara eż, il-Każ COMP/M.3304 — GE/Amersham (2004), il-punt 59.

([2]) Per eżempju, f'każijiet fejn żewġ kumpaniji għandhom kontroll konġunt fuq ditta li hija attiva f'suq wieħed, u waħda biss hija attiva fis-suq qrib, il-kumpanija mingħajr attivitajiet fis-suq ta' l-aħħar jista' jkollha ftit interess li tirrinunzja għall-bejgħ fl-ewwel suq.Ara eż, il-Każ T-210/01, General Electric v Il-Kummissjoni, [2005], ECR II-000, paragrafu 385 u l-Każ COMP M.4561, GE/Smiths Aerospace, il-punt 119.

([3]) L-analiżi ta' dawn l-inċentivi ssir kif stabbilit fil-paragrafu 46 hawn fuq.

114. L-effett fuq il-kompetizzjoni teħtieġ li tiġi evalwata fid-dawl ta' fatturi kontrobilanċjanti bħall-preżenza ta' poter tax-xerrej kontrobilanċjanti ([1]) jew il-probabbiltà li d-dħul iżomm kompetizzjoni effettiva fis-suq *upstream* jew fis-suq *downstream* ([2]).

115. Barra minn dan, l-effett fuq il-kompetizzjoni teħtieġ li tiġi evalwata fid-dawl ta' l-effiċjenzi sostanzati mill-partijiet li qed jamalgamaw ([3]).

116. Ħafna mill-effiċjenzi identifikati fil-kuntest ta'l-amalgamazzjonijiet vertikali jistgħu, mutatis mutandis, jgħoddu wkoll għall-amalgamazzjonijiet konglomerati li jinvolvu lil prodotti komplementarji.

117. B'mod notevoli, meta l-produtturi ta' prodotti komplementarji qed jipprezzaw b'mod indipendenti, ma jqisux l-effett pożittiv ta' tnaqqis fil-prezz tal-prodott tagħhom fuq il-bejgħ tal-prodott l-ieħor. Skond il-kondizzjonijiet tas-suq, ditta amalgamata tista' tinternalizza dan l-effett u kollha ċertu inċentiva li tbaxxi l-marġini jekk dan iwassal għal qligħ totali akbar (din l-inċentiva spiss tissejjaħ "l-effett ta' Cournot"). Fil-parti l-kbira tal-każijiet, il-kumpanija amalgamata se tieħu kemm tista' minn dan l-effett permezz ta' ġbir imħallat, jiġifieri billi tagħmel it-tnaqqis tal-prezz kondizzjonali fuq jekk il-klijent jixtrix iż-żewġ prodotti mill-kumpanija amalgamata ([4]).

118. Huwa speċifiku għall-amalgamazzjonijiet kongolmerati li jistgħu jipproduċu l-iffrankar ta' l-ispejjeż fil-forma ta' ekonomiji ta' l-ambitu (fuq in-naħa tal-produzzjoni jew tal-konsum), u jagħtu vantaġġ inerenti għall-fornitura tal-prodotti flimkien minflok separati ([5]). Per eżempju, jista' jkun aktar effiċjenti li xi komponenti jinbieġħu fis-suq flimkien bħala ġabra minflok separatament. It-titjib fil-valur għall-konsumatur jista' jirriżulta minn kompatibilità akbar u l-assikurazzjoni tal-kwalità ta' komponenti komplementarji. Dawn l-ekonomiji ta' l-ambitu madankollu huma meħtieġa iżda mhux biżżejjed biex tingħata ġustifikazzjoni ta' effiċjenza għall-ġbir jew għall-irbit. Tassew, il-benefiċċji mill-ekonomiji ta' l-ambitu spiss jistgħu jiġu realizzati mingħajr bżonn ta' ġbir tekniku jew kuntrattwali.

B. **L-effetti kkoordinati**

119. L-amalgamazzjonijiet konglomerati jistgħu f'xi każijiet jiffaċċjaw koordinazzjoni antikompetittiva fis-swieq, ukoll fin-nuqqas ta' ftehim jew prattika miftiehma fis-sens ta' l-Artikolu 81 tat-Trattat. Il-Qafas stabbilit fit-Taqsima IV ta' l-Avviż dwar l-Amalgamazzjonijiet Orizzontali jgħodd ukoll f'dan il-kuntest. B'mod partikolari l-koordinazzjoni aktar probabbli toħroġ fis-swieq fejn huwa pjuttost faċili li jiġu identifikati t-termini tal-koordinazzjoni u fejn din il-koordinazzjoni hija sostenibbli.

120. Mod kif amalgamazzjoni kongolmerata tista' tinfluwenza l-probabbiltà ta' riżultat ikkoordinat f'suq partikolari huwa billi jitnaqqas l-għadd ta' kompetituri effettivi sal-grad li l-koordinazzjoni taċita ssir possibbiltà reali. Ukoll meta r-rivali mhumiex esklużi mis-suq, jistgħu jsibu ruħhom f'sitwazzjoni aktar vulnerabbli. B'riżultat, ir-rivali esklużi jistgħu jagħżlu li ma jikkontestawx is-sitwazzjoni tal-koordinazzjoni, iżda jistgħu jippreferu li jgħixu taħt il-kenn ta' livell ogħla ta' prezzijiet.

121. Barra minn dan, amalgamazzjoni kongolmerata tista' żżid l-grad u l-importanza tal-kompetizzjoni bejn bosta swieq. L-interazzjoni kompetittiva fuq bosta swieq tista' żżid l-ambitu u l-effettività tal-mekkaniżmi tad-dixxiplinar billi tiżgura li t-termini tal-koordinazzjoni jiġi mħarsa.

([1]) Ara t-Taqsima V dwar il-poter kontrobilanċjanti tax-xerrej fl-Avviż dwar l-Amalgamazzjonijiet Orizzontali.

([2]) Ara eż, il-Każ COMP/M.3732 — Procter&Gamble/Gillette (2005), il-punt 131. ara wkoll it-Taqsima VI dwar id-dħul fis-suq fl-Avviż dwar l-Amalgamazzjonijiet Orizzontali

([3]) Ara t-Taqsima VII dwar l-effiċjenzi fl-Avviż dwar l-Amalgamazzjonijiet Orizzontali.

([4]) Huwa importanti li jiġi rikonoxxut madankollu li l-problema taż-żieda fil-prezzijiet doppja mhux dejjem tkun preżenti jew sinjifikanti qabel l-amalgamazzjoni. Fil-kuntest tal-ġbir imħallat, għandu mbagħad jiġi nnutat li filwaqt li l-entità amalgamata jista' jkollha inċentiva li tnaqqas il-prezz tal-ġabra, l-effett fuq il-prezzijiet tal-prodotti individwali huwa inqas ċar. L-inċentiva biex l-entità amalgamata tgħoddli l-prezzijiet tal-prodotti individwali tagħha tista' tiġi mill-fatt li tiddependi fuq il-bejgħ ta' aktar prodotti miġbura minflok. Il-prezz għall-ġabra ta' l-entità amalgamata u l-prezzijiet tal-prodotti mibjugħa individwalment (jekk hemm) jiddependu fuq ir-reazzjonijiet għall-prezzijiet mir-rivali fis-suq.

([5]) Ara eż, il-Każ COMP/M.3732 — Procter&Gamble/Gillette (2005), il-punt 131.